Nru 149 - Awwissu 2019 - b'xejn ma' L-ORIZZONT

# SPORTIV




Ikomplu l-kompetizzjonijiet tas-sajf tal-
## WATERPOLO

Intervista ma' **KYLIE CAMILLERI** dwar il-karting

Investiment massiċċ fil-**KORSA TAL-MARSA**




DESIGNED FOR YOUR **FUTURE**

Join **BOV Club** for great student benefits.

bovclubmt

Terms and Conditions are available from www.bov.com/bov-club or contact 2131 2020

COM 2049

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

# EDITORJAL


**SPORTIV**

Magażin Sportiv ta' kull xahar

Ħarġa Numru 149
AWWISSU 2019

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Stacy Sciberras
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent
Paul Zammit Cutajar
Joe Borg
Ian Aquilina
Wally Galea
Mario Micallef
Joe Borg




Ikomplu l-kompetizzjonijiet tas-sajf tal-WATERPOLO



Issa li ninsabu lejn l-aħħar tax-xahar ta' Awwissu u f'nofs l-istaġun tas-sajf, għal darba oħra qegħdin nerġgħu nwasslulkom edizzjoni oħra ta' Sportiv, il-magażin sportiv favorit tagħkom. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn l-aħħar inizjattivi meħuda fil-qasam sportiv minn naħa tal-gvern u SportMalta, il-laqgħa ġenerali tal-Malta Football Association u l-ħatra ta' Bjorn Vassallo bħala president ġdid, il-parteċipazzjoni tal-clubs Maltin fil-kompetizzjonijiet Ewropej u t-trasferiment ta' Nicole Sciberras ma' Juventus.

Matul l-aħħar ġimgħat tkomplew ukoll il-kampjonati tal-waterpolo u dawn ukoll qegħdin jingħataw ħarsa f'din il-ħarġa. F'din l-edizzjoni ta' Sportiv issibu wkoll intervista interessanti maż-żgħażugħa Kylie Camilleri li tant qiegħda tagħmlilna unur fil-qasam tal-karting u ħarsa lejn il-wirja mpekkabli li kellha Hannah Cutajar f'kompetizzjoni nternazzjonali tat-triathlon fir-Russja. Ma nonqsux ukoll milli nwasslulkom artikli oħra dwar il-basketball, tiġrijiet taż-żwiemel, pool, l-isport f'Għawdex kif ukoll ir-rubriki u l-kompetizzjonijiet l-oħra ta' kull xahar.

Il-football ikompli wkoll jiddomina x-xena internazzjonali u fil-fatt f'din l-edizzjoni nagħtu ħarsa lejn it-tazza tan-nazzjonijiet Afrikani u sport ieħor. Dan permezz ta' artikli oħra nformattivi. Dan kollu jagħmel il-magażin Sportiv l-għażla tagħkom. Ħajr dejjem imur lejn il-kollegi, kontributuri u fotografi ta' diversi entitajiet li jkomplu jagħmlu dan il-magażin aktar interessanti. Flimkien inkomplu naħdmu biex Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magażin ta' kull sportiv Malti u Għawdxi.


*Kenneth Vella*
*kennethvella@hotmail.com*
*sportiv@unionprint.com.mt*



UNION PRINT CO. LTD

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa.
Dan il-magażin jingħata b'xejn mal-ġurnal l-orizzont u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.



# SPORTIV

## KONTENUT


04 - SportMalta

10 - Football

18 - Waterpolo

22 - Triathlon

24 - Pool

26 - B'Kara St. Joseph

28 - Basketball

30 - Tiġrijiet taż-Żwiemel

32 - Arti Marzjali











**34** – Bil-Qari u l-Kitba Niskorja

**36** – MEUSAC

**38** – Karting

**40** – Gozo Sports - Atletika

**42** – Internazzjonali

**46** – Storja tal-football

**48** – Spot the ball

u Tisliba

# INVESTIMENT TA' €28 MILJUN GĦALL-PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-KORSA TAŻ-ŻWIEMEL FIL-MARSA




Waqt konferenza tal-aħbarijiet, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima ħabbar investiment ta' €28 miljun għar-riġenerazzjoni tal-korsa taż-żwiemel fil-Marsa. Dan wara li dan il-proġett ġie approvat b'mod unanimu mill-Parlament.

Is-Segretarju Parlamentari Clifton Grima spjega li l-investiment f'dan is-sit se jirdoppja u se jiġi ottimizzat b'vantaġġi u opportunitajiet sabiex ikompli jikber dan l-isport b'mod aktar dinamiku. Huwa spjega wkoll li matul is-sena li għaddiet attendew mas-60,000 persuna għat-tiġrijiet taż-żwiemel. "Din hi l-missjoni tal-Gvern, li jitfa' l-isport fuq l-ogħla aġenda politika, u għamilna enfasi li l-parti sportiva tkun ċentrali u titlesta fl-iqsar żmien possibli. Huwa importanti li d-dilettanti jkomplu jgawdu l-isport tagħhom", saħaq is-Segretarju Parlamentari Grima.

Dan il-proġett beda wara talba għal proposta fl-2015 għal konċessjoni fuq dan il-proġett u li kien hemm sottomissjoni ta' proposta waħda mill-Malta Race Track Ltd (MRTL). Sadanittant, il-Kumitat tal-Evalwazzjoni u l-Aġġudikazzjoni (EAC) evalwa il-proposta tal-MRTL u ltaqa' ma' rappreżentanti tal-kumpanija biex jiddiskuti aktar fid-dettall il-





proposta. L-EAC ikkonkluda li s-sottomissjoni tal-MRTL hija konformi mad-dokument tat-talba għal proposta. Il-proġett se jinkorpora numru ta' attivitajiet anċillari li se jwasslu għal din il-korsa fuq livell internazzjonali. Dan l-investiment se jinvolvi żona miftuħa ta' rikreazzjoni u anke dik edukattiva għall-familja kollha kif ukoll faċilità internazzjonali tat-tiġrijiet taż-żwiemel. Din tal-aħħar fost l-oħrajn se tinkludi: korsa tat-tlielaq taż-żwiemel li tippermetti avvenimenti ta' tiġrijiet, li jinkludu trott, galopp u tlielaq għall-ponijiet; faċilitajiet moderni u l-ewwel tax-xorta tagħhom li għandhom jintużaw għad-dressage kif ukoll kompetizzjonijiet ta' show jumping u horse shows; kif ukoll stand massiv b'kapaċità ta' 3,400 spettatur li minnhom 1,500 huma bilqiegħda; faċilitajiet importanti oħra għat-taħriġ apparti stalel bħal faċilitajiet ta' doping, kmamar għall-jockeys u oħrajn. Prijorità ewlenija f'dan l-investiment hija l-benesseri taż-żwiemel u annimali u se jkun hemm SPA apposta għalihom. L-investiment se jipprovdi faċilitajiet ta' parkeġġ b'kapaċità minima ta' 1,200 spazju għall-parkeġġ u se jiżviluppa venda għall-karozzi tal-linja fi ħdan il-pjan terran tal-parkeġġ propost bla ħlas għal Transport Malta. Barra minn hekk, dan il-proġett se jkun wieħed eko-sostenibbli hekk kif l-Enemalta se tgawdi drittijiet esklussivi biex tinstalla panelli solari fuq il-binja tas-saqaf.

Waqt li se jkun għaddej ix-xogħol fuq dan il-proġett, il-programm tat-tiġrijiet taż-żwiemel ser ikompli. Il-perjodu stipulat ta' meta jitlestew ix-xogħlijiet huwa ta' erba' snin minn meta joħorġu l-permessi u l-liċenżji relattivi kollha jew mill-iffirmar tal-Ftehim ta' Konċessjoni, bit-trakka li għandha tkun lesta fl-ewwel sitt xhur waqt li l-istand għandha tkun lesta fi żmien 18-il xahar. Sadanittant, l-MRTL se tkun qed tonora l-kuntratti kurrenti kollha tal-impjiegi li huma fis-seħħ bħalissa bejn il-Malta Racing Club u l-impjegati tagħha. Fil-perjodu tal-konċessjoni ta' 65 sena, il-konsorzju se jkun l-uniku parti responsabbli għall-manutenzjoni u żamma tas-sit u l-proprjetà immobbli kollha.

Il-Malta Racing Club (MRC) se jkollu l-kapaċità esklussiva li jirregola t-tlielaq taż-żwiemel, fejn se tiġi mwaqqfa awtorità li hija l-ewwel tax-xorta tagħha f'dan il-qasam ta' sport. L-MRTL se jaġixxi bħala l-operatur tal-Malta Racing Track u faċilitajiet assoċjati. L-MRC bħala awtorità se jkollu r-responsabbiltà li jirreġistra żwiemel u annimali oħra li jistgħu jipparteċipaw f'avvenimenti tat-tiġrijiet, iżomm database bl-informazzjoni kollha dwar annimali reġistrati u jiżgura li jinżammu l-istandards ta' kwalità ta' annimali reġistrati. Iċ-Chairman tal-Malta Racing Club Edwin Borg qal li dan huwa mument li ilhom jistennew ħafna s-sidien taż-żwiemel u d-dilettanti ta' dan l-isport. Huwa saħaq dwar kif kienet impossibbli għall-Malta Racing Club sabiex tidħol f'investiment bħal dan waħedha. "Fl-aħħar qed insibu nies li lesti jinvestu biex isir dan l-investiment u jsir bis-serjetà", temm jgħid is-Sur Borg. Dr Pio Valletta, membru fi ħdan il-konsorzju u membru fit-tim legali tal-proġett, qal li dan il-proġett se jgħaqqad in-nies ta' Malta u se joffri destinazzjoni ta' divertiment għall-familji kollha.

## F'SETTEMBRU SSIR

# IL-ĦAMES EDIZZJONI TAL-ĠIMGĦA EWROPEA TAL-ISPORT



Għal sena oħra Malta se tingħaqad ma' bosta pajjiżi oħra minn madwar l-Ewropa biex bejn it-23 u t-30 ta' Settembru torganizza l-Ġimgħa Ewropea tal-Isport. Dik ta' din is-sena se tkun waħda speċjali hekk kif ħa tkun il-ħames edizzjoni. Dan l avveniment huwa fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea u f'kull pajjiż parteċipant jiġi mtella' mill-organizazzjonijiet sportivi nazzjonali. F'pajjiżna, SportMalta huwa l-koordinatur nazzjonali ta' din il-ġimgħa sportiva u fl-okkażjoni tal-ħames edizzjoni qed jitħejja programm vast u intensiv t'attivitajiet sportivi li se jilħaq il-gosti ta' kulħadd.

Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport hija waħda mill-għodod li l-Kummissjoni Ewropea ikkreat biex tgħin fil-kampanja favur l-attività fiżika. L-għan ta' din il-ġimgħa hu li kemm jista' jkun ċittadini Ewropej jintlaħqu mill-messaġġ #BeActive u jiġu ispirati biex l-attività fiżika, sempliċi kemm hi sempliċi, issir parti minn ħajjithom.

Ta' kull sena miljuni ta' ċittadini ewropej jingħaqdu flimkien f'dik li hija meqjusa bħala l-akbar inizjattiva sportiva fl-Ewropa. L-edizzjoni ta' din is-sena se tkun l-ikbar waħda qatt organizzata b'41 pajjiż parteċipant. Avveniment miftuħ għal kulħadd indipendentement mill-eta', livell soċjali jew fiżiku.

Malta ħa tieħu sehem b'numru sabiħ ta' attivitajiet organizzati kemm minn SportMalta kif ukoll minn organizzazzjonijiet oħra mill-qasam tal-isport, l-edukazzjoni, ċentri tal-fitness u anke postijiet tax-xogħol. Kif inhi tradizzjoni, f'Malta, din il-Ġimgħa






Ewropea tal-Isport tagħlaq uffiċjalment Summer on the Move li għal sena oħra attira numru sabiħ ta' parteċipanti. Apparti l-għadd kbir ta' attivitajiet organizzati minn assoċjazzjonijiet u organizazzjonijiet lokali, jispikkaw dawk prinċipali imtella' minn SportMalta. Fis-6 ta' Settembru se tiġi organizzata attivita' fil-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq, fejn il-logħob tal-ilma se jkun protagonist.

Se jiġu organizzati wkoll żewġ avvenimenti fil-għaxija. L-ewwel wieħed se jsir fl-20 ta' Settembru fiż-Żejtun filwaqt li fit-28 ta' Settembru se tiġi organizzata l-#BeActive Night fil-Kumpless Sportiv ta' Kirkop b'bosta attivitajiet sportivi għall-familja kollha.

Hemm ukoll il-#BeActive Awards bil-għan li jirrikonoxxu u jippremjaw dawk l-inizjattivi u individwi li jkunu għenu sabiex jippromwovu l-isport u l-attivita' fiżika madwar l-Ewropa. It-tlett rikonoxximenti huma għall-aħjar inizjattiva fil-qasam edukattiv, fuq il-post tax-xogħol u anke għal dik il-persuna li tkun spikkat fil-ħidma tagħha favur l-isport. Ir-rebbieħ jigi ppremjat fit-18 ta' Ottubru f'Budapest l-Ungerija, li għal din is-sena intagħżlet bħala l-belt kapitali ewropea tal-isport.

Il-kap eżekuttiv ta' SportMalta Mark Cutajar qal "li ninsabu entużjasti sabiex għal sena oħra din il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport tkun suċċess mhux biss għall-ammont ta' attivitajiet organizzati iżda wkoll għall-parteċipazzjoni mill-pubbliku. L-għan prinċipali jibqa' dejjem li nippromwovu l-isport u l-attività fiżika bl-għan li ntejbu l-kwalità tal-ħajja tagħna. Attivita' fiżika li għandha tkun kontinwa matul ħajjitna, li tibda mit-tfulija u tibqa' għaddejja anke meta nikbru fl-eta'. Għal sena oħra rridu nwasslu l-messaġġ li l-isport isaħħaħ mhux biss l-aspett fiżiku tal-individwu iżda wkoll is-saħħa mentali," ikkonkluda Cutajar.

# *Inkunu aktar attivi wkoll fuq il-post tax-xogħol*
# #BEACTIVE WORKPLACE



Hekk kif dejjem qed toqrob il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport, għal sena oħra SportMalta se tkun qed tniedi l-inizjattiva #BeActive anke fuq il-post tax-xogħol. Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport hija organizzata madwar l-Ewropa kollha fix-xahar ta' Settembru fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea bil-għan li ċ-ċittadini kollha Ewropej jingħaqdu flimkien u jqajmu għarfien dwar l-importanza li ngħixu ħajja aktar attiva. Il-Ġimgħa hija mezz sabiex tippromwovi l-parteċipazzjoni fl-isport jew xi tip ta' attivita' fiżika, tqajjem għarfien dwar il-benefiċċji tal-isport. Hija ġimgħa miftuħa għal kulħadd u fuq kollox hija wkoll mezz sabiex iġġib flimkien lill-individwi anke fuq il-post tax-xogħol.



Sfortunatament minħabba l-ħajja mgħaġġla tal-lum, l-ammont ta' attivita' fiżika qiegħed dejjem jonqos. Nuqqas ta' attivita' fiżika għandu effett negattiv fuq is-saħħa tan-nies u jwassal ukoll għal spiża ekonomika akbar kawża ta' mard u problemi oħra ta' saħħa. L-isport iwassal ukoll sabiex iressaq lin-nies lejn xulxin, mezz ta' inklużjoni soċjali, li tista' sseħħ ukoll fuq il-post tax-xogħol.

Għal dan il-għan, SportMalta qiegħda tħeġġeġ lill-kumpaniji, dipartimenti tal-gvern u entitajiet oħra sabiex jipparteċipaw f'din il-kampanja billi jorganizzaw xi attivita' jew jieħdu inizjattivi bil-għan li l-ħaddiema jkunu involuti f''attivita' sportiva. SportMalta diġa' ħadet l-inizjattiva billi tħeġġeġ lill-ħaddiema tagħha sabiex jużaw it-taraġ minflok il-lift jew inkella joħorġu għal mixja waqt il-ħin tar-rikreazzjoni. SportMalta tħeġġeġ ukoll lill-ħaddiema tagħha biex jieħdu sehem f'inizjattivi fuq skala akbar, bħal parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet jew attivitajiet sportivi kemm fuq bażi individwali jew inkella bħala tim f'isem SportMalta nnfisha. Dan jgħin ukoll sabiex jibni aktar sintonija bejn il-ħaddiema infushom u jiżdied l-ispirtu ta' tim. Kull post tax-xogħol li jiddeċiedi li jipparteċipa f'din l-inizjattiva jidħol biċ-ċans li jirbaħ il-#BeActive Workplace Award imniedi minn SportMalta.

Mark Cutajar, Kap Eżekuttiv ta' SportMalta, saħaq li din l-istess entita' wkoll torganizza kompetizzjonijiet fi sport varji għall ħaddiema tagħha fejn dawn ikollhom l-opportunita' jgħaqdu t-timijiet u jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet. Barra minn hekk, il-ħaddiema tagħha huma mħeġġa sabiex jgħixu ħajja sana billi jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet u billi jieklu san, biex b'hekk ikunu jistgħu jagħtu d-demm għal kawża ġusta f'dati stipulati. Dawk kollha interessati jistgħu jikkuntattjaw lil SportMalta għal aktar tagħrif.

# Ftehim bejn SportMalta u l-MSSF se jwassal għal aktar stabilita'



Waqt konferenza tal-aħbarijiet fil-Malta National Shooting Ranges f'Ta' Kandja, SportMalta u l-Malta Shooting Sport Federation (MSSF) iffirmaw ftehim li l-Federazzjoni se tibda tagħmel użu u topera mix-Shooting Ranges Nazzjonali f'Ta Kandja. B'dan il-ftehim l-MSSF se tibda tirċievi assistenza finanzjarja ta' €40,000 fis-sena mingħand SportMalta kif ukoll rati ssussidjati meta jorganizzaw kompetizzjonijiet bl-għan ewlieni jkun għal aktar sostennibilita' u b'hekk tkun tista' timmassimizza l-użu tal-faċilitajiet. Permezz ta' dan il-ftehim, it-tim nazzjonali ta' tiraturi se jiġu mogħtija allokazzjoni ta' €5,000 kull sena għal training. Waqt l-intervent tiegħu s-Segretarju Parlamentari Clifton Grima qal li dan huwa ftehim importanti ħafna li permezz tiegħu se nkunu qed nagħtu stabilita' lill-Federazzjoni li se twassal għal ħidma ta' binarji differenti li tkun tista' tkabbar dan l-isport u tikseb riżultati aħjar minn dawk li diġa huma fuq livell internazzjonali. Dr Grima fisser "li din l-istabilita' hija mibnija fuq tlett pilastri ewlenin, l-ewwel li qed jiġu assistiti l-atleti li jirrapreżentaw lil pajjiżna fuq livell internazzjonali b'mod dirett u li dawn se jkunu jistgħu jagħmlu użu minn din il-faċilita' mingħajr tip jew ieħor ta' ħlas. It-tieni, li l-Federazzjoni se tkun qiegħda żżomm il-faċilitajiet diġa eżistenti se tkun qed tagħmel użu minn dan is-sit kif ukoll li hemm l-inċentiv biex il-Federazzjoni tattira kompetizzjonijiet internazzjonali lejn dan il-kumpless sportiv." Is-Segretarju Parlamentari temm jgħid li b'mod ħolistiku dan il-ftehim qed jgħin lil dan l-isport tal-isparar, u "b'hekk nassistu lill-atleti b'mod individwali kif ukoll inkattru u nġibu aktar turiżmu sportiv lejn pajjiżna."

Il-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta Mark Cutajar saħaq li dan il-ftehim hu ta' vantaġġ mhux biss għall-istess federazzjoni iżda anke għat-tiraturi. Issa l-federazzjoni se jkollha s-serħan tal-moħħ finanzjarju sabiex issa tiffoka prinċipalment biex twassal atleti f'kull dixxiplina biex jilħqu l-aqwa riżultati possibli. Huwa qal li SportMalta hija lesta biex tahdem mal-Federazzjoni biex dan l-isport li għal Malta dejjem ġab suċċess ikompli jikber mill-għeruq. Semma ukoll li it-tieni fażi tal-proġett qed tiġi ppreparata biex fi żmien li ġej SportMalta tkun tista toħroġ offerta pubblika għax-xogħlijiet. Dan ser jinkludi indoor ranges u outdoor ranges għall-pistoli u għall-air rifles minn distanzi differenti. Dan bi pjan preċiż iżda mhux biss għal logħob tal-pajjiżi ż-żgħar ta` l-Ewropa li ser isiru f'Malta fl-2023. Huwa qal li dan il-ftehim mhux ser isir biss mal-Federazzjoni Maltija ta' l-isparar iżda anke permezz ta` l-istrateġija nazzjonali għall-isport ser ikun hemm aktar federazzjonijiet li ser ikollhom ftehim ta` din ix-xorta. Il-President tal-MSSF Pierre Montebello saħaq li "dan l-ftehim se jipprovdi qafas għar-relazzjoni futura tal-MSSF ma' SportMalta li jinkludu linji gwida għal kif se nkunu qed naħdmu u kif se tiżviluppa r-relazzjoni ta' bejn iż-żewġ entitajiet. Illum aħna ffaċċjati b'realtajiet ġodda u dawn irridu nkunu ppreparati għalihom. Għaldaqstant, l-għan aħħari ta' dan il-ftehim huwa li jsaħħaħ kemm lill-Federazzjoni kif ukoll l-isport tal-isparar in ġenerali u fuq kollox jiggarantixxi futur għall-isport tagħna. B'dan il-ftehim se nkunu nistgħu nħarsu 'l quddiem, b'ċertu serħan tal-moħħ fejn jidħol l-operat tagħna fil-futur bħala Federazzjoni u fl-istess ħin issa nkunu nistgħu niffukaw iktar fuq l-isport tant għażiż għalina."

# BJORN VASSALLO



## IL-21 PRESIDENT TAL-MFA



Bjorn Vassallo hu l-21 President f'119-il sena storja tal-Malta Football Association. Vassallo li għandu 39 sena, kien elett fl-aħħar laqgħa ġenerali tal-MFA li saret f'Lulju. Vassallo biex daħal f'din il-kariga kiseb 83 vot minn total ta' 137. Il-kontestant l-ieħor għall-kariga kien Dr. Chris Bonett, eks Viċi-President tal-MFA. Għal Vassallo din mhix l-ewwel kariga li okkupa fl-MFA għaliex bejn l-2010 u l-2016 kien inħatar Chief Executive Officer. Mill-2016 sakemm kien elett President tal-MFA, Vassallo okkupa l-kariga prestiġjuża ta' Direttur tal-FIFA inkarigat mill-bżonnijiet tal-55 Assoċjazzjoni Ewropea fir-rigward ta' governanza u l-iżvilupp tal-logħba fl-uffiċċju tal-President tal-FIFA, Gianni Infantino.

F'dawn l-aħħar disa' snin, Vassallo okkupa ukoll diversi karigi fil-UEFA fejn fost l-oħrajn kien Kummissarju f'logħob taċ-Champions League u l-Europa League. Vassallo fl-2016 kien delegat tal-UEFA f'Nizza waqt il-Euro 2016 u kien ukoll parti mit-tim tal-FIFA waqt l-aħħar edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja fir-Russja s-sena l-oħra. Vassallo kien daħal fl-amministrazzjoni tal-futbol fl-1996 mat-tim ta' San Ġwann FC. Meta ndirizza l-Laqgħa Ġenerali wara li kien elett President qal li jħossu onorat li kien elett President tal-akbar organizzazzjoni ta' l-isport f'Malta. Hu rringrazzja lil kulħadd anki lil dawk li kellhom opinjoni differenti. Vassallo qal li bil-ħatra tiegħu rebaħ il-futbol għax hu persuna tal-futbol u d-delegati huma wkoll nies li jżommu l-logħba ħajja fil-villaġġi u bliet tagħhom.

Vassallo se jkun is-suċċessur tal-eks President Norman Darmanin Demajo li għamel disà snin imexxi l-MFA wara li kien elett President fl-2010. Hu kellu kliem ta' tifħir għal Darmanin Demajo li qal li kien hu li ħajru jikkontesta l-Presidenza tal-MFA. "Darmanin Demajo ta konribut kbir għal-logħba kemm dam President u kien bniedem ta' prinċipji u valuri," qal Vassallo.

Bjorn Vassallo faħħar ukoll lil Dr Chris Bonett il-persuna l-oħra li kkontestat il-kariga u qal li għalkemm kienet kampanja intensa ntweriet maturita' u kien hemm spirtu ta' djalogu l-ħin kollu. Hu appella għall-għaqda u jrid li din se tkun l-akbar prijorità tiegħu fl-ewwel fażi tal-Presidenza tiegħu. Il-mandat tiegħu u għall-uffiċjali għolja tal-MFA se jkun ta' erba' snin flok tlieta wara li l-Laqgħa Ġenerali approvat emenda.

Fl-ewwel impenji tiegħu wara l-ħatra, Bjorn Vassallo ltaqa' mal-Prim Ministru Joseph Muscat u mal-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia. L-avukat Matthew Paris, il-perit Ludovico Micallef u l-eks referee Adrian Casha huma t-tliet Viċi-Presidenti tal-MFA. It-tliet kandidati l-oħra li kkontestaw l-karigi kienu l-avukat Peter Fenech, Dr. Cory Greenland u Alex Manfre'. Dan tal-aħħar ma kienx elett fil-kariga li okkupa għal diversi snin.

Ivan Mizzi ma kienx kontestat fil-kariga ta' Teżorier. Fl-eżekuttiv kienu eletti ukoll Dr Ian Micallef, Paul Spiteri (Premier Division), Joe Sammut , Laurence Seychell (First Division), Godfrey Borg, Paul Zammit (Second Division), Dr Cory Greenland, Chris Grech (Third Division). Kienu eletti wkoll Chris Muscat, Claudio Martinelli, Laurence Aquilina, Lino Bartolo, Dr. Samuel Azzopardi u Joe Micallef. Dr. Angelo Chetcuti se jkompli jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali.








# KLABBS MALTIN FL-EWROPA 2019-2020

*GŻIRA UTD JIKSBU RIŻULTAT STORIKU KONTRA HAJDUK FI SPLIT*
*VALLETTA FIT-TIELET RAWND TAL-EUROPA LEAGUE PASS BOGĦOD MILL-PLAY-OFFS*

**L-avventura tal-klabbs Maltin fil-kompetizzjonijiet Ewropej għall-istaġun 2019-20 għaddiet u kollox kunsidrat kienet waħda pożittiva. Iċ-champions Valletta u Gżira Utd rnexxilhom jgħaddu għat-tieni rawnd tal-kompetizzjoni li lagħbu fihom u aktar minn hekk Valletta lagħbu fit-tielet rawnd tal-Europa League qabel inqalgħu minn FC Astana tal-Kazhakstan, rawnd biss bogħod mill-play-offs qabel tintlagħab il-fażi tal-gruppi. Hibs u Balzan FC temmew l-avventura tagħhom wara l-ewwel rawnd imma b'riżultati stretti. Hibs tilfu 2-0 agg u Balzan FC 5-3 agg.**

L-aqwa riżultat miksub kien dak ta' Gżira Utd li fi Split kisbu riżultat storiku biex għelbu u eliminaw lit-tim famuż Kroat ta' Hajduk Split. Gżira rebħu 3-1 wara li kienu tilfu f'Malta 2-0. Dan ifisser li Gżira għaddew bil-gowl away jgħodd doppju wara aggregate ta' 3-3. Fil-logħba ta' ritorn, Gżira f'mument kienu 3-0 minn taħt meta tgħodd il-gowls li qalgħu l-ewwel leg, imma wettqu rimonta impekkabbli biex għaddew. Dan ir-riżultat fisser ħafna problemi għal Hajduk li wara protesti mill-partitarji kellhom ikeċċu l-kowċ. F'din il-logħba se jibqa' jissemma l-gowl spettakori li skorja l player mill Kosta tal Ivorju Kone li f'din il-logħba skorja doppjetta bil-gowl l-ieħor jiskurjah Jefferson. Il-players ta' Gżira Utd lura Malta minn din ir-rebħa storika ngħataw merħba ta' eroj.

Fit-tieni rawnd Gżira Utd lagħbu kontra Ventspils tal-Latvja u kien hemm ċertu ottimiżmu li jistgħu

jerġgħu jagħmluha iżda r-riżultat tal-ewwel leg ikkompromctta li Gżira javvanzaw rawnd ieħor fl-Europa League. F'Riga huma tilfu 4-0 u fil-logħba ta' ritorn fis-Centenary Stadium ġew draw 2-2 b'doppjetta ta' Jefferson għal skor aggregate ta' 6-2 biex kienu eliminati bl-unuri kollha għax minn erba' logħbiet rebħu logħba, ġew draw logħba u tilfu tnejn.

Iċ-champions Valletta FC ukoll kisbu riżultat pożittiv fiċ-Champions League u għaddew għat-tieni rawnd wara skor ta' 3-3 agg kontra t-tim minn Lussemburgu ta' Dudelange, it-tim li fl-istaġun 2018-19 għamilha għall-fażi tal-gruppi għall-ewwel darba fejn kien anki lagħab kontra Milan. Fl-ewwel leg away Valletta ġew draw 2-2 wara li kienu 2-0 minn taħt biex id-draw ta' 1-1 fil-logħba f'Malta fisser li t-tim ta' Darren Abdilla għadda għat-tieni rawnd. F'dan ir-rawnd l-avversarji ma kienu ħadd ħlief iċ-Champions Ungeriżi ta' Ferencvaros u mhux l-ewwel darba li dan it-tim ġie jilgħab f'Malta fejn fis-snin 1972-73 kien lagħab fl-istadium tal-Gżira u kien tilef 1-0 kontra Floriana b'gowl mill-isbaħ ta' Louis Arpa. Iżda dakinhar Floriana kienu xorta eliminati, Kif kienu eliminati wkoll minn Ferencvaros aktar riċenti Sliema Wanderers u Birkirkara.

Imma f'Budapest Ferencavaros kienu fi klassi għalihom u għelbu lil Valletta 3-1 bil-gowl ta' Yuri Messiah iżommhom fil-logħba. Fit-tieni leg Ferencvaros ma kisbux aktar minn draw ta' 1-1 biex Valletta temmew l-avventura tagħhom fiċ-Champions League 4-2 agg iżda bir-regoli l-ġodda kull min jinqala' fiċ-Champions League jkompli jilgħab fit-tielet rawnd fl-Europa League. Huma f'din il-fażi kellhom jilagħbu kontra FC Astana tal-Kazaksthan u wara li tilfu l-ewwel leg away 5-1, dan ir-riżultat ikkomprometta li Valletta jgħaddu għal rawnd ieħor għax wara t-tieni leg li ntemm bir-riżultat diżappuntanti ta' 4-0 favur FC Astana, Valletta kienu eliminati b'aggregate kbir ta' 9-1.

Balzan FC tilfu 5-3 aggregate konra t-tim mis-Slovenja. F'Malta Balzan tilfu 4-3 wara li fil-logħba kienu darbtejn minn fuq. Fit-tieni leg Balzan ma sfigurawx u kellhom iċ-ċanisjiet tagħhom imma spiċċaw jitilfu 1-0. Hibs tilfu darbtejn 1-0 kontra t-tim minn Belarus ta' Shakhtyor Soligorsk. Huma tilfu l-ewwel leg 1-0 b'gowl pjuttost kontroversjali li f'logħba li fiha l-Pawlisti tilfu għadd ta' ċansijiet. Fit-tieni leg tilfu wkoll 1-0 fejn anki f'din il-logħba f'Minsk fallew xi okkażjonijiet.

**Ir-riżultati kollha tat-timijiet Maltin**

**VALLETTA FC**
Champions League
*I Rawnd ta' Kwalifikazzjoni*
v Dudelange (Lussemburgu) 2-2 (a), 1-1 (h)
Valletta għaddew bil-gowls away wara 3-3 agg
*II Rawnd ta' Kwalifikazzjoni*
v Ferencvaros (Ungerija) 1-3 (a), 1-1 (h)
Valletta eliminati 4-2 agg.
Europa League
*III Rawnd ta' Kwalifikazzjoni*
v FC Astana (Kazakhstan) 1-5 (a), 0-4 (h)
Valletta eliminati 1-9 agg.

**GŻIRA UTD**
Europa League
*I Rawnd ta' Kwalifikazzjoni*
v Hajduk Split (Kroazja) 0-2 (h), 3-1 (a)
Gżira jikkwalifikaw bil-goals away 3-3 agg
*II Rawnd ta' Kwalifikazzjoni*
V Ventspils (Latvja) 0-4 (a), 2-2 (h)
Gżira Utd eliminati 6-2 agg

**BALZAN FC**
Europa League
*I Rawnd ta' Kwalifikazzjoni*
v Domzale (Slovenja) 3-4 (h), 0-1 (a)
Balzan FC eliminati 5-3 agg.

**HIBERNIANS**
Europa League
*I Rawnd ta' Kwalifikazzjoni*
v Shakhtyor Soligorsk (Belarus) 0-1 (a), 0-1 (h)
Hibernians eliminati 2-0 agg.



# "JUVENTUS HUWA PASS IMPORTANTI GĦALIJA" - NICOLE SCIBERRAS





Nicole Sciberras, membru tat-tim nazzjonali Malti tan-nisa, nediet paġna ġdida u storika fl-istorja tal-futbol Malti hekk kif saret l-ewwel plejer li ffirmat kuntratt ma' Juventus.

Infatti, l-eks plejer ta' Mosta ffirmat kuntratt ta' sena ma' Juventus Women, fejn se tkun qegħda tilgħab fil-livell ta' Primavera. L-istaġun li għadda, Juventus Primavera rebħu t-turnament ta' Viareggio filwaqt li spiċċaw fil-Final Four fit-taqtiegħa għall-iscudetto, qabel ma nqalgħu fis-semi-finali.

Dan il-magażin tkellem ma' Sciberras hekk kif l-eks plejer ta' Mosta issa bdiet l-avventura tagħha ġewwa n-naħa ta' fuq tal-Italja. "Ninsab eċċitata ħafna għal din l-avventura l-ġdida," Sciberras stqarret. "Huwa pass importanti għalija hekk kif dejjem nipprova nara u nfittex fejn nista nilgħab ma' min hu aħjar minni. Din it-tip ta' mentalita' tgħini sabiex nikber iżjed bħala plejer."

Sciberras, ta' 18 -il sena, kienet fuq il-kotba ta' Grifone Gialloverde matul is-sentejn li għaddew, fil-kampjonat Serie C.

Hekk kif tifforma parti mit-tim nazzjonali Malti, Sciberras se jkollha l-opportunita' li taffaċċja diversi plejers Juventini bħala avversarji. Dan kif Malta u l-Italja jinsabu fl-istess grupp ta' kwalifikazzjoni għal kampjonati Ewropej tan-nisa, f'Ottubru u f'Novembru li ġej.

Ritratt: Joe Borg

# Birkirkara, Hibernians jiftħu l-kampjonat b'konfront dirett





Birkirkara se jiftħu d-difiża tat-titlu kontra Hibernians wara li ttellgħu l-poloz tal-BOV Women's League ġewwa t-Trophy Lounge.

Il-kampjonat se jibda fit-8 ta' Ottubru fejn apparti l-konfront bejn ir-rivali fil-futbol tan-nisa, nisibu lil Mġarr United kontra Kirkop United u Swieqi United jiftħu l-impenji tagħhom kontra Raiders Għargħur. Mosta se jidħlu fl-azzjoni fit-tieni ġimgħa tal-kampjonat. Sadanittant, il-kampjonat ta' taħt id-19-il sena se jlaqqa' lil Birkirkara u Hibernians ukoll fl-ewwel ġurnata. Il-partiti l-oħrajn se jkunu Raiders kontra Swieqi United, id-debuttanti Mtarfa kontra Mġarr United filwaqt li Mosta jiltaqgħu ma' Kirkop United.

Għall-ewwel darba, l-MFA, se tkun qegħda torganizza l-kampjonat ta' taħt il-15-il sena wkoll fejn fost it-timijiet se jkun hemm id-debuttanti ta' Senglea Athletic li se jibdew l-impenji tagħhom kontra Mtarfa. Fil-partiti l-oħra ta' ftuħ il-kampjonat se naraw lil Żebbuġ Rangers kontra Raiders, Mġarr United kontra Swieqi United u Kirkop United kontra Birkirkara.



Fid-29 ta' Awwissu ta' din is-sena. se jibdew jintlagħbu l-logħbiet ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2021 tan-nisa li l-finali tagħhom se jintlagħbu fl-Ingilterra fl-2021. Iċ-Champions Ewropej l-Olanda jibdew b'logħba kontra l-Estonja fi Grupp A flimkien mar-Russja, is-Slovenja, it-Turkija u l-Kosovo. L-Ingilterra bħala l-pajjiż organizzatur ma tilgħabx fil-fażi ta' kwalifikazzjoni. Malta se tilgħab fi grupp li jinkludi l-Italja u se tiftaħ b'logħba kontra d-Danimarka.

Ritratt: Joe Borg



# FUTBOL TAN-NISA EURO 2021

## Il-logħbiet ta' kwalifikazzjoni jibdew fid-29 ta' Awwissu

### *Malta fil-grupp mal-Italja u tiftaħ b'logħba kontra d-Danimarka*

Fl-aħħar edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja li ntlagħbet ftit ġimgħat ilu l-Olanda spiċċat it-tieni wara li fil-final tilfet kontra l-Istati Uniti waqt li l-Ingilterra ta' Phil Neville spiċċat fir-raba' post wara li kienet megħluba mill-Iżvezja. Malta se tilgħab fi Grupp B li jinkludi lid-Danimarka, l-Italja, il-Bosnja Herzegovina, l-Iżrael u l-Georgia. 47 tim maqsuma f'disa' gruppi se jieħdu sehem. Hemm żewġ gruppi b'sitt timijiet fosthom dak ta' Malta bil-kumplament fihom ħames timijiet.

Malta se tibda b'logħba away kontra d-Danimarka fid-29 ta' Awwissu bit-tieni logħba tkun kontra l-Bosnja Herzegovina wkoll away fit-3 ta' Settembru. Il-logħba tant mistennija kontra l-Italja f'pajjiżna tintlagħab fl-4 ta' Ottubru. Fis-7 ta' Novembru, Malta tospita lill-Iżrael u fit-12 ta' Novembru, Malta tilgħab it-tielet logħba away kontra l-Italja. Malta tkompli l-logħob tagħha f'Marzu u jkun imiss l-ewwel logħba home kontra l-Georgia fil-5 ta' Marzu u sitt ijiem wara wkoll f'Malta tilgħab kontra l-Bosnja. Fl-16 ta' April terġa' tilgħab home kontra d-Danimarka. Fit-3 ta' Ġunju, Malta tmur tilgħab kontra l-Georgia. Meta l-logħob ikompli f'Settembru Malta tmur tilgħab kontra l-Iżrael.

Timijiet oħra favoriti f'din l-edizzjoni tal-Euro 2021 se jkunu Spanja, Franza, il-Ġermanja. l-Iżvezja u n-Norveġja li kollha ġew seeded. Għan-Norveġja fi Grupp C l-akbar sfida se tkun kontra Wales waqt li għal Spanja fi Grupp D l-akbar sfida se tkun ir-Repubblika Ċeka. L-Iżvezja se tilgħab fi Grupp F u Franza fi grupp G fejn ma jidhirx li għandhom xi sfida waqt li għall-Ġermanja fi Grupp I l-akbar sfidanti se jkunu l-Ukrajna.

Minn kull grupp jikkwalifikaw ir-rebbieħa u jikkwalifikaw ukoll l-aħjar tliet runners-up. Is-sitt runners up l-oħra jilagħbu fi play-off f'Ottubru biex ikunu magħrufa l-15-il finalista li flimkien mal-Ingilterra se jilagħbu fil-finali. Fil-passat din il-kompetizzjoni ntrebħet tmien darbiet mill-Ġermanja, darbtejn min-Norveġja u darba kull wieħed mill-Iżvezja u ċ-Champions renjanti l-Olanda. Lejn tmiem is-sena 2020 jittellgħu l-poloz tal-gruppi u l-finali jintlagħbu fl-Ingilterra f'Lulju 2021. Il-final se tintlagħab f'Wembley Stadium sena wara li tkun intlagħbet il-final tal-Euro 2020 tal-Irġiel.

# NEPTUNES U SLIEMA JIKSBU POST DIRETT FIS-SEMI-FINALI TAL-PLAY-OFFS



Neptunes Leo Vegas u Sliema Frank Salt kisbu post direttament fis-semi-finali tal-play-offs wara li spiccaw fl-ewwel u t-tieni post tal-kampjonat. Sirens Greentube għall-parti l-kbira mill-Kampjonat kienu qed jillidjaw iżda logħba minn tmiem l-ewwel rawnd huma ġew draw 8-8 kontra Sliema Frank Salt f'logħba kumbattuta waqt li mbagħad tilfu kontra l-eqreb sfidanti tagħhom Neptunes Leo Vegas 9-6 minkejja li l-player Valentino Gallo skorja ħames goals. Dan it-telf ta' punti sewa lis-Sirens u spiċċaw fir-raba' post fil-klassifika wara li fl-aħħar logħba kienu maqbuża minn San Ġiljan wara li għelbuhom bl-iskor kbir ta' 17-8 f'logħba li Matthew Zammit wera l-klassi tiegħu u skorja seba' goals.

Ritratti: Dominic Borg, Christine Borg

Dan ifisser li fil-play-offs San Ġiljan jilagħbu kontra Marsaxlokk u Sirens kontra Exiles. Iċ-champions Neptunes temmew l-ewwel fażi tal-kampjonat fl-ewwel post u b'hekk kisbu post dirett fis-semi-finali b'24 punt wara li għelbu lir-rivali Sliema b'mod konvinċenti 10-6 bi Stevie Camilleri jiskorja erbgħa u bil-barranin jiskurjaw ħamsa bejniethom Muslim 2 u Brguljan 3. It-tieni rawnd tal-Kampjonat Premier intemm l-Erbgħa 7 ta' Awwissu bir-rebħa kbira ta' San Ġiljan fuq Sirens u bl-ewwel rebħa ta' Exiles li rebħu lil Marsaxlokk 15-11 biex evitaw l-aħħar post fil-Premier. Minkejja kollox Neptunes dehru li kien l-aktar tim komplet sa din il-fażi tal-kampjonat. It-tim hu maqgħud mibni madwar l-aħwa Steve u Jordan Camilleri. Petar Muslim u Darko Brguljan iż-żewġ barranin tat-tim ikomplu jagħmlu t-tim iktar b'saħħtu. Il-goalkeeper Alan Borg Cole u l-captain Niki Lanzon huma żewġ players oħra ta' stoffa f'dan it-tim Ġiljaniż mill-Balluta.

Fl-Ewwel diviżjoni t-taqtiegħa għall-ewwel post intrebħet minn Valletta wara li għelbu lill-eqreb rivali tagħhom B'Bugia 17-11 biex il-



Beltin għaddew direttament fil-final jistennew min se jkunu l-avversarji tagħhom minn B'Bugia u Marsascala biex ikun determinat iċ-champion ta' din id-diviżjoni. San Ġiljan f'dan is-sajf iddiżappuntaw xi ftit u almenu sa issa m'għadhomx igawdu mill-ewwel postijiet tal-klassifika kif kienu jagħmlu sa sentejn ilu tant li spiċċaw fit-tielet post però xorta għadhom b'ċans li jirbħu l-kampjonat għax finalment dan ikun deċiż bil-play-offs. San Ġiljan f'temp ta' tliet ijiem ġarbu żewġ telfiet kontra r-rivali Neptunes waħda fil-kampjonat u l-oħra fin-Knock Out biex ġew eliminati minn din il-kompetizzjoni li kienu l-holders tagħha. Dan ma kienx biżżejjed għax San Ġiljan ġarrbu wkoll it-tielet telfa konsekuttiva li hi xi ħaġa rari għal dan it-tim Ġiljaniż meta kienu megħluba fil-kampjonat 14-12 minn Sliema, tilfu wkoll kontra Neptunes 13-10 fin-KO wara li kienu għelbuhom 16-15 fil-kampjonat f'logħba battalja.





Ir-riżultati tal-kampjonati Premier u l-Ewwel Diviżjoni kienu dawn:

**KAMPJONAT PREMIER**

**NEPTUNES LEO VEGAS**
Sliema 10-9, 10-6
Sirens 17-4, 9-6
San Ġiljan 10-13, 16-15
Marsaxlokk 18-12, 19-13
Exiles 15-10, 16-10

**SLIEMA FRANK SALT**
Sirens 14-9, 8-8
San Ġiljan 7-11, 14-12
Marsaxlokk 19-9, 14-10
Exiles 14-7, 14-13

**SIRENS GREENTUBE**
San Ġiljan 9-8, 8-17
Marsaxlokk 20-13, 16-13
Exiles 18-12, 14-7

**SAN ĠILJAN TUM INVEST**
Marsaxlokk 18-12, 17-11
Exiles 12-12, 19-14

**MARSAXLOKK BROWN'S PHARMACY**
Exiles Elia Caterers 15-12, 11-15

**Klassifika fi tmiem it-tieni rawnd**
Neptunes 24 punt,
Sliema 19,
San Ġiljan19,
Sirens 19,
Exiles 4,
Marsaxlokk 3

**PREMIER KNOCK OUT**

**Kwarti Finali**
Neptunes v San Ġiljan 13-10
Sirens v Exiles 13-10

**Semi-Finali**
Neptunes v M'Xlokk 13-11
Sirens v Sliema 7-14

**Final**
Tintlagħab fil-25 ta' Awissu

**KAMPJONAT TAL-EWWEL DIVIŻJONI**

**VALLETTA VIDEOSLOTS**
Birżebbuga 18-14,17-11
Marsascala 14-17, 10-13
Ta' Xbiex 22-8, 22-13
Otters 23-15, 18-15

**BIRŻEBBUGA FREEPORT**
Marsascala 18-17, 12-10
Ta' Xbiex 15-12, 18-14
Otters 21-14, 13-12

**MARSASCALA FISH & FISH**
Ta' Xbiex 15 9, 11 10
Otters 12-12, 17-11

**TA' XBIEX AMIGOS**
Otters 12-8, 6-11

**Klassifika fi tmiem it-tieni rawnd**
Valletta 19,
Birżebbuġa 18,
Marsascala 16,
Otters 4,
Ta' Xbiex 3

**L-EWWEL DIVIŻJONI KO**
**Kwarti Finali**
Marsascala v Ta' Xbiex 9-7

**Semi Finali**
Birżebbuġa v Valletta 12-11
Marsascala v Otters 14-10

**Final**
Tintlagħab fil-25 ta' Awissu



# Hannah Cutajar

## bi prestazzjoni mill-aqwa fil-European Triathlon Sprint Age Group Championships - tirbaħ it-tellieqa tan-nisa, fost kompetizzjoni qawwija




Iċ-champion Nazzjonali tat-Triathlon, Hannah Cutajar kitbet isimha fl-istorja tat-Triathlon Malti meta dan l-aħħar kisbet rebħa impressjonanti fil-European Triathlon Sprint Age Group Championships li saru f'Kazan fir-Russja. Cutajar kisbet ir-rebħa fost grupp ta' nisa meqjusa bħala l-aqwa f'pajjiżhom. Din kienet l-ewwel darba li triatleta Maltija, mhux biss ħadet medalja tad-deheb fil-grupp tal-eta' tagħha iżda wkoll rebħa overall. Dan l-unur ikompli jżid mal-medalji u riżultati mill-aqwa li Cutajar diġa kisbet fil karriera qasira tagħha. Cutajar wriet mill-ewwel is-saħħa u determinazzjoni. Hi kienet l-ewwel mara li ħarġet mill-għawma tas-750 metru, kellha kompetizzjoni qawwija mill-Ingliża Hayley Rigby li żammet postha warajha.

L-irwiefen li laqgħu lill-atleti fuq il-korsa tar-rota komplew iżidu l-isfida. Cutajar u Rigby kienu fuq quddiem għat-tul tal-korsa. Rigby tat sforz fl-aħħar parti tar-rota biex tidħol fit-sekondi qabel Cutajar fit-tieni transizzjoni qabel ma rħewlha għal ġirja ta' 5 kilometri. Id-distakk li kella Rigby fil-ġirja ma tantx dam, meta Cutajar tat prestazzjoni perfetta biex tgħaddiha wara kilometru. Cutajar




"M'hemmx kliem li jiddeskrivu biżżejjed is-sodisfazzjon li qed inħoss wara t-tellieqa. L-ewwel rebħa Age Group kont ksibtha f'Alanya t-Turkija fl-2013. Kienet tellieqa speċjali ħafna u komplejt naħdem biex nikseb deheb minn dakinhar. Il-kompetizzjoni hawnhekk, kienet qawwija speċjalment mill-atleti tal-Ingilterra u r-Russja, iżda dejjem nieħu pjaċir intellaq f'dawn iċ-ċirkwiti. Din kienet l-ewwel darba li l-kampjonati Ewropej kienu miżmuma b'format draft legal. Kien bdil tajjeb" spjegat Cutajar wara t-tellieqa. "Nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lil Garmin Malta, Team Barry u l-Kumitat Olimpiku Malti għall-appoġġ tagħhom."




żammet postha fuq quddiem sabiex tispiċċa it-tellieqa f'ħin ta' 1:07:17. Fil klassifika finali, wara Cutajar daħlu l-atleti Ingliżi, Holly Dixon u Hayley Rigby fit-tieni u t-tielet post rispettivament. Huma spiċċaw it-tellieqa minuta u erbatax -il sekonda wara Cutajar.

# 30 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Malta Pool Association

Dan l-aħħar il-Malta Pool Association għalqet tletin sena mit-twaqqif tagħha. Kien eżatt f'Lulju 1989 meta John Vella u Vincent Degiorgio bdew il-ħidma biex jiġi elett l-ewwel kumitat ta' l-assoċjazzjoni. Minn dakinhar il-quddiem l-assoċjazzjoni kibret u kisbet diversi unuri f'kampjonati internazzjonali bir-rebħ tal-kampjonati Ewropej tal-irġiel għal tliet darbiet, kampjonati Ewropej tal-kategorija Under 18, kampjonati Ewropej Under 23 tliet darbiet, kampjonati Mondjali Under 21 u kampjonati mondjali għall-players ta' aktar minn ħamsin sena. Bħal fi tmiem ta' kull staġun l-assoċjazzjoni ppreżentat l-unuri kollha mirbuħa matul is-sena waqt serata apposta u li għaliha attenda fost l-oħrajn is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-isport l-Onorevoli Clifton Grima.

**EUROPEAN CHAMPIONSHIPS – IRELAND 2019**

Under 23's Singles Champion: Scott Muscat
Player of the Tournament Awards – Christ Mills – Over 50s

**WORLD CHAMPIONSHIPS 2019**

Player of the Tournament Awards – Wayne Bonnici – Mens

**UNDER 18'S SINGLES NATIONAL RANKINGS**

| | |
|---|---|
| Winner | Christian Spiteri (Top Gun Bar) |
| Runner Up | Steve Muscat (Brooklyn Bar) |
| Third Place | Neal Caruana (The Hatch Bar) |

**db UNDER 23'S SINGLES RANKING TOURNAMENTS**

| | |
|---|---|
| db Rank 1 Winner | Ryan Falzon (Splendid Bar) |
| db Rank 2 Winner | Dejan Grech (Senglea Bocci Club) |
| db Rank 3 Winner | Ryan Pisani (9 Ball Cafe) |
| db Rank 4 Winner | Dejan Grech (Senglea Bocci Club) |
| db Rank 5 Winner | Dejan Grech (Senglea Bocci Club) |
| db Rank 6 Winner | Elcid Aquilina (Senglea Bocci Club) |
| db Rank 7 Winner | Ryan Pisani (9 Ball Cafe) |

National Champion – Dejan Grech (Senglea Bocci Club)

**db OVER 50'S SINGLES RANKING TOURNAMENTS**

| | |
|---|---|
| db Rank 1 Winner | Christ Mills (Senglea Bocci Club) |
| db Rank 2 Winner | Manuel Mallia (Cox Sports Bar) |
| db Rank 3 Winner | Brian Grech (PL Fgura) |
| db Rank 4 Winner | Tonio Mifsud (PL Fgura) |
| db Rank 5 Winner | Stephen Scicluna (La Storia Bar) |
| db Rank 6 Winner | Marco Bonello (PL Fgura) |
| db Rank 7 Winner | Manuel Mallia (Cox Sports Bar) |

**db MENS EURO RANKING TOURNAMENT NO. 1**

| | |
|---|---|
| Winners | Kevin Mercieca (Senglea Bocci Club) |
| Runner-Up | Duncan Pisani (9 Ball Cafe) |

**db MENS EURO RANKING TOURNAMENT NO. 2**

| | |
|---|---|
| Winner | Dylan Cassar (Splendid Bar) |
| Runner-Up | Mario Cutajar (Splendid Bar) |

**db MENS EURO RANKING TOURNAMENT NO. 3**

| | |
|---|---|
| Winner | Christ Tabone (Jojo's Bar) |
| Runner-Up | Anton Cuschieri (Splendid Bar) |

**db MENS EURO RANKING TOURNAMENT NO. 4**

| | |
|---|---|
| Winner | Anton Cuschieri (Splendid Bar) |
| Runner-Up | Troy Zammit (Qormi United) |

**db MENS WORLD RANKING TOURNAMENT NO. 1**

| | |
|---|---|
| Winner | Antione Aquilina (Senglea Bocci Club) |
| Runner-Up | Kevin Mercieca (Senglea Bocci Club) |











**db MENS WORLD RANKING TOURNAMENT NO. 2**
Winner Clayton Attard (9 Ball Cafe)
Runner-Up Rudolph Gellel (PL Fgura)

**db MENS WORLD RANKING TOURNAMENT NO. 3**
Winner Wayne Bonnici (Splendid Bar)
Runner-Up Phillip Zammit (Qormi United)

**CISK LAGER MENS NATIONAL SINGLES CHAMPIONSHIPS**
Winner Troy Zammit (Qormi United)
Runner-Up Miguel Falzon (Splendid Bar)

**db CHRISTMAS CUP**
Winners Splendid Bar Qormi A
Runners-Up Jojo's Bar B' Bugia

**1565 VICTORY EASTER CUP TOURNAMENT**
Winners Splendid Bar Qormi A
Runners-Up Senglea Bocci Club A

**LOGOGRAFIX TEAM KNOCKOUT DIVISION 2 / 3**
Winners La Storia Bar Qormi
Runners-Up Espadon Bar Tarxien

**LOGOGRAFIX TEAM KNOCKOUT PREMIER / DIV 1**
Winners Senglea Bocci Club A
Runners-Up Splendid Bar Qormi A

**SCHEWEPPES THIRD DIVISION LEAGUE**
Winners PL Zejtun
Runners-Up Luqa Bocci Club

**SCHEWEPPES SECOND DIVISION LEAGUE**
Winners PL Fgura
Runners-Up Qormi United

**SCHEWEPPES FIRST DIVISION LEAGUE**
Winners Cospicua Rangers A
Runners-Up St. Mary Imqabba A

**SCHEWEPPES PREMIER DIVISION LEAGUE**
Winners 9 Ball Café Qawra
Runners-Up Senglea Bocci Club A

**SCHWEPPES SUPER CUP**
Winners 9 Ball Café Qawra

**30th ANNIVERSARY CUP**
Winners Splendid Bar Qormi

# Sajf mimli għall- Birkirkara St. Joseph Sports Club

## Atletika, Ċikliżmu, Għawm u Triathlon fil-kalendarju tal-Klabb

### ATLETIKA

Il-Eurosport BSJ 5k Road Running Series, organizzata mill-Birkirkara Saint Joseph Sports Club u miżmuma taħt l-awspiċi tal-MAAA, laqqgħat fostha il-fuq minn mitejn atleta, numru rekord ta' parteċipanti. Miżmuma fil-ByPass tal-Mtarfa u fuq medda ta' ħames kilometri, is-serje kienet magħmula minn tlett avvenimenti. Fit-taqsima tal-irġiel Pedro Lopez de Haro rebaħ it-tlielaq kollha. Hu kien segwit minn Simon Spiteri li konsistentement kiseb it-tieni post, bi ftit distakk wara Lopez de Haro. It-tielet post fl-ewwel tellieqa kien miksub minn Darran Agius, filwaqt li fit-tieni tellieqa kien hemm Mark Herrera. Fit-tielet tellieqa kien Shaun Galea li kiseb it-tielet post. Fil-klassifika finali, kienu Lopez de Haro, Spiteri u Herrera li kisbu posthom fuq il-podju.

Fil-Kategorija tan-nisa, Tara Abdilla rebħet l-ewwel u t-tielet tellieqa, fil-waqt li t-tieni tellieqa kienet mirbuħa minn Lisa Bezzina. Bezzina li rebħet żewġ medalji tad-deheb fil-Logħob tal-Pajjiżi iż-Żgħar li saru fil-Montenegro f'Mejju li għadda kienet ukoll ir-rebbieħa tal-istess serje tas-sena li għaddiet. Margaret Seguna u Celine Pace ħadu it-tieni u it-tielet post fl-ewwel tellieqa, fil-waqt li fit-tieni tellieqa kienu Tara Abdilla u l veterana Carmen Hili li marru wkoll tajjeb. Fl-aħħar tellieqa, il-podju tan-nisa kien magħmul minn Abdilla, Joelle Cortis, li għamlet ritorn fix-xena wara nuqqas ta' ftit xhur, u Margaret Seguna. Fit-tmiem tas-serje, Tara Abdilla, Margaret Seguna u Celine Pace ħadu posthom fuq il-podju. Dawn ġew preżentati bil-medalji u trofej mill-President ta' Birkirkara St. Joseph Sports Club Raymond Grech, u l-President tal-MAAA Edwin Attard.

### ĊIKLIŻMU

Il-Birkirkara St. Joseph Sports Club, flimkien mal-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ospita l-BSJ Arch Criterium, ġewwa Fleur de Lys bħala parti mill-programmi sportivi mnedija mir-Reġjun. It-tellieqa laqqgħat erbgħin atleta, li rrappreżentaw klabbs taċ-ċikliżmu lokali. Il-Criterium hija tellieqa eċċitanti li tikkonsisti f'diversi dawriet madwar ċirkwit magħluq. It-tellieqa laqqgħet ċiklisti f'diversi gruppi, li fosthom kienu jinkludu l-Under 14s, Under 16s, il-Juniors, l-Under23, il-Masters 40+, il-Masters 50+, Ladies u fl-aħħar net il-Kategorija Elite. Kull kategorija kellha ħin predeterminat, li kien ivarja minn 30 sa 60 minuta. Minkejja l-kundizzjonijiet tat-temp sħan, it-tellieqa kienet wirja ta' tattiċi u veloċità mid-diversi timijiet taċ-ċikliżmu li dehru jaħdmu flimkien il-ħin kollu. Il-kategorija Elite kienet eżempju perfett ta'dawn it-tattiċi li deher mill-bidu nett tat-tellieqa ta' 60 minuta. Ir-rebbieħ kien Alexander Smyth.

**Riżultati**

**Under 14s Irġiel u Nisa**

1st - Miguel Galea (The Cyclist)

1st - Hannah Dandria (Mosta AF Sign Studio CC)

**Under 16s Irġiel u Nisa**

1st - Darren Sultana (Gozo CC)

1st - Kristina Spiteri (The Cyclist)

**Juniors**

1st - Luke Borg (The Cyclist)

**Under 23**

1st – Isaac Spiteri (The Cyclist)

Maria Vella-Galea

Ritratti: Angie Conti, Mariella Cutajar











**Ladies**

1st – Marion Said Pullicino ((Mosta AF Sign Studio CC)

**Masters 40+**

1st – Mario Attard (Team Greens)

**Masters 50+**

1st – Michael Polidano (The Cyclist)

**Elite**

1st – Alexander Smyth (Team MAAP Basso)

## GĦAWM

Sport ieħor b'programm intensiv kien il-Kampjonat tal-Arena BSJ Open Water Swimming li ġie fi tmiemu f'Lulju. Il-Kampjonat kien fuq sitt tlielaq, ħamsa fuq medda ta'żewġ kilometri u waħda fuq erba' kilometri. Il-klassifika ġenerali kienet ibbażata fuq l-aħjar ħinijiet akkumulati f'ħamsa mis-sitt tlielaq tal-Kampjonat. Total ta' 37 għawwiema kienu eliġibbli biex jagħmlu parti minn din il-klassifikazzjoni. Ir-rebbieħa tal-Kampjonat kienu l-għawwiema żgħażagħ Stefano Debono Grech u Leah Satariano li taw prestazzjoni konsistenti matul il-kampjonat. Satariano, wriet titjib sostanzjali fuq il-wirjiet li tat is-sena l-oħra filwaqt li għal Debono Grech, din kienet l-ewwel dehra tiegħu f'dawn il-kampjonati. Fit-tieni u tielet post tal-kampjonat temmew Luca Vella u Nathan Cachia. Dawn tal-aħħar huma żewġ għawwiema żgħażagħ li bħal Debono Grech u Satariano qed juru futur tajjeb għal-isport. Andre' Camilleri u Sarah Demicoli wkoll taw prestazzjonijiet tajbin ħafna u rebħu t-tlielaq li ħadu sehem fihom. Din is-sena Camilleri u Demicoli pparteċipaw f'numru ta' kompetizzjonijiet internazzjonali, u għalhekk ma kkompetewx regolarment f'dan il-kampjonat.

**Riżultati - Kampjonat Arena BSJ Open Water Swimming**

**Overall**

1st   Stefano Debono Grech - Leah Satariano

**Gruppi tal-Eta**

Masters A - Kamilla Boross - Andrew Farrugia

Masters B - Daniela Apap Bologna - Robert Vella

Masters C - Isabelle Zarb - Steve Apap Bologna

Masters D - Marian Belsten - Amand Veranneman

Numru kbir ta' għawwiema huma mistennija jikkompetu fil-Kampjonat tal-għawm Festina Malta – Gozo – Malta u l-Gozo Malta li se jsiru illum.

## TRIATHLON

Il-Kampjonat Go & Fun Sprint Triathlon beda f'Ġunju. Dan hu mifrux fuq erbà tlielaq, u li minnhom sa issa saru tnejn. Dawn għadhom ma tawx indikazzjoni ċara min jista jirbaħ il-kampjonat. Fl-ewwel tellieqa kienu Shaun Galea u Hannah Cutajar li ħadu l-unuri iżda fit-tieni tellieqa, fin-nuqqas ta' dawn iż-żewġ atleti kienu Pedro Lopez de Haro u Lara Buttigieg fuq il-quċċata tal-podju. Hekk kif il-kampjonati qegħdin f'nofs triq, prestazzjonijiet tajbin kellhom ukoll Bernard Sant, Neil Markham, Nikol Micallef u Kersten Theuma. Fit-taqsima tan-nisa, prestazzjoni notevoli ġiet reġistrata min Suzanne Farrugia li kisbet it-tielet post fl-ewwel tellieqa. Farrugia kienet viċin ta' riżultat simili fit-tieni tellieqa, iżda ġiet megħluba fl-aħħar ftit metri tat-tellieqa minn Clara Attard. Dawn it-tlielaq reġgħu attiraw numru ta' atleti veterani bħall-ex Ċampjin Nazzjonali tat-Triathlon Dermot Galea, Raymond Borg, Michael Gellel u Brian Magri. It-tellieqa li jmiss se ssir fuq Triq il-Kosta, is-Salina nhar il-Ħadd 1 ta' Settembru.

# MALTA TAĦT IT-TMINTAX -IL SENA TIRBAĦ IL-MIDALJA TAL-FIDDA





It-team Malti tal-bniet taħt it-tmintax -il sena rnexxilu jirbaħ il-midalja tal-fidda fil-finali tal-kampjonat Ewropew diviżjoni Ċ li kien qiegħed isir f'Andorra. Dan wara li fil-finali Malta tilfet kontra l-Armenja bl-iskor ristrett ta' 79 għal 73. Għalkemm Malta ma ħarġitx rebbieħa wieħed għandu jfaħħar il-wirja qalbenija tal-bniet ta' Sandro Farrugia li taw il-massimu tagħhom mhux biss f'din il-finali iżda matul it-tornew kollu.

Din il-finali kienet ukoll l-ewwel telfa tal-Maltin f'dan it-tornew. Mikela Riolo temmet l-aħjar skorer għal pajjiżna b'dsatax -il punt. Malta bdiet ir-raba' u l-aħħar sessjoni b'punt vantaġġ 59-58. Madankollu l-Armeni għamlu rimonta tajba fl-aħħar fażi biex għal xi ħin fetħu wkoll vantaġġ ta' għaxar punti u eventwalment temmew rebbieħa.

Ft-tornew tas-subien, Malta tilfet ma' Andorra 56 għal 52 fil-logħba play off bejn il-ħames u d-disa' post. It-team ta' Sasa Dimitrijevic żgur li uża dan it-tornew biex jakkwista aktar esperjenza. Fil-logħba kontra Androrra Matthew Scerri kien l-aħjar skorer għal Malta bi tlettax -il punt.



# AQUABABIES
## ~ GLOBAL ~
## MALTA





### GĦAL TAĦRIĠ FL-GĦAWM TAT-TFAL ŻGĦAR, ILBIES GĦALL-GĦAWM U GĦAJNUNIET GĦALL-GĦAWM

**GĦAWM GĦAL TRABI U TFAL ŻGĦAR**

- Għal lezzjonijiet tal-għawm għat-trabi u tfal żgħar, malji u affarijiet relatati mal-għawm
- Attivitajiet simpatiċi għat-tfal u l-kustodji tagħhom
- Esperjenza sabiħa għal kull aspett ta' żvilupp

**UĦUD MILL-BENEFIĊĊJI TAL-GĦAWM GĦAT-TRABI:**

1. Lezzjonijiet dwar kif naħdmu ħaġa waħda mal-ilma u nużaw it-teknika bla periklu u sogru.
2. Waqt li tgħum mat-tarbija tiegħek tkun qed tibni fiduċja u relazzjoni tajba li tiżviluppa aktar din l-esperjenza ta' tagħlim f'waħda aktar pożittiva u ta' kwalità.
3. It-tarbija li permezz tal-movimenti fl-ilma b'mod aktar indipendenti jgħinha biex isaħħaħ il-bilanċ u ko-ordinazzjoni tagħha. Din is-sensazzjoni li tieħu mill-ilma tagħtiha sens uniku ta' identità.
4. Li nfaħħru u nirrikonoxxu l-ħiliet ta' tfal tagħna jgħinhom jiżviluppaw il-kunfidenza fihom infushom.
5. Meta nrawwmu miċ-ċokon li tfal jieħdu ħsieb saħħithom, inkunu qed noħolqu bażi soda għal futur aktar b'saħħtu.
6. L-użu ta' kliem u frażijiet relatati ma' dan it-tip ta' eżerċizzju jgħin fl-iżvilupp tal-lingwa meta t-tarbija tassoċja l-istruzzjonijiet mal-azzjonijiet tagħha.
7. Peres li din l-esperjenza tolqot diversi sensi b'attivitajiet varji, il-funzjoni tal-moħħ tiżdied u tkun stimulata iktar.
8. Bil-parteċipazzjoni f'diversi gruppi inkunu wkoll qed inkabbru aktar il-ħilijiet ta' tfal tagħna b'mod kemm indipendenti u anki f' relazzjonijiet mal-oħrajn.
9. L-għawm isaħħaħ il-qalb, il-pulmun kif ukoll jiżviluppa aħjar l-istruttura muskulari tal-ġisem. Jgħin ukoll biex itejjeb il-koordinazzjoni tal-ġgsem globalment.
10. Trabi li jgħumu b'mod regolari juru mudell ta' rqad u ikel aktar strutturat.

Trabi jistgħu jibdew jattendu minn l-età ta' xahrejn.



**147, Ponsonby Street, Mosta MST 4033 • Office Hours: 8.00am - 4.30pm, Monday - Friday**
**Tel: 20999591 / 79029525 / 79029591 (Liliana) • FB: Aquababies Malta • Web: www.aquababiesglobal.com/malta**



# Żgħażagħ Maltin

## *b'esperjenza ta' edukazzjoni vokazzjonali sportiva fi Franza*

Ftit tal-jiem ilu seba' żgħażagħ Maltin vjaġġaw lejn Boissy St Leger fi Franza biex ħadu sehem f'kors intensiv ta' erbat ijiem dwar taħriġ, kura u żamma ta' żwiemel tat-trott organizzat minn waħda mill-aqwa skejjel fid-dinja f'dan il-qasam, AFASEC. Dawn iż-żgħażagħ kienu Isaac Pulo, Ishmael Grech, Ethan Camilleri, Denilson Cortis, Nelson Azzopardi, Neil Fenech u l-Għawdxi Nathan Farrugia. Huma kienu akkumpanjati minn Dr Kenneth Vella, kap ta' skola u edukatur li għamel kuntatt ma' AFASEC minn pajjiżna.

Dan il-kors sar fl-aqwa ċentru Ewropew tat-taħriġ taż-żwiemel, dak ta' Grosbois. L-iskola AFASEC hija kkunsidrata fost l-ewlenin mhux biss fi Franza iżda fid-dinja u minn taħt l-għalliema tagħha għaddew uħud mill-aqwa jockeys, trainers u sewwieqa Franċiżi. Dan anki għax tikkollabora mal-assoċjazzjonijiet Franċiżi Le Trot u France Galop li huma sieħba tagħha u għandha l-appoġġ ukoll tal-Ministeri tal-Edukazzjoni u tal-Biedja tal-pajjiż. Għandha wkoll is-sostenn anki tal-għaqdiet li jirrappreżentaw lis-sewwieqa, trainers, jockeys u sidien Franċiżi. Attwalment AFASEC taħdem minn ħames ċentri u seba' residenzi mxerrda ma' Franza kollha. Barra fi Grosbois, tinsab ukoll f'Cabries, Chantilly, Chazey Sur Ain, Deauville, Maisons Lafitte u Pau u dan l-aħħar laħqet ftehim ta' kollaborazzjoni ma' skejjel oħra Ewropej.

Waqt laqgħa li saret mal-Ministru tal-







Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo, Dr Vella qal li kien ilu għal diversi xhur jaħdem ma' Florence Pierret, il-kap tal-iskola AFASEC fi Grosbois biex dan il-kors jiġi organizzat anki skont il-bzonnijiet tal-istudenti Maltin f'dan is-settur. F'pajjiżi oħra Ewropej bħall-istess Franza u pajjiżi Skandinavi, l-isport tat-tiġrijiet taż-żwiemel hu kkunsidrat industrija kbira u mhux sempliċiment sport. Ta' min wieħed jinnota li l-korsijiet vokazzjonali offruti minn AFASEC jitilgħu saħansitra sa livell ta' baċċelerat jew diploma.

Fi Franza t-tiġrijiet taż-żwiemel huma kkunsidrati industrija u fiha jaħdmu 40% tal-ħaddiema kollha fis-settur ekwestru. Matul is-sena AFASEC toffri diversi korsijiet ta' preparazzjoni u taħriġ għal dawk li jridu jaħdmu direttament fl-istalel bħal manager tal-istalel, jockey jew sewwieq, trainer, assistant trainer jew tan-nagħal. Minħabba l-valur taċ-ċertifikat maħruġ minn AFASEC, kull sena il-fuq minn seba' mitt żgħażugħ Franċiż jippartecipa f'xi wieħed mill-korsijiet offrut minn din l-istituzzjoni Franciża. Il-korsijiet huma mfittxija għax joffru esperjenza teoretika u anki prattika fejn wara siegħat ta' lezzjonijiet fil-klassi l-parteċipanti jkollhom iċ-ċans jaħdmu direttament fl-istalel ma' uħud mill-aqwa trainers Franċiżi li huma wkoll magħrufa anki fid-dinja.

Il-lezzjonijiet lill-istudenti Maltin ingħataw kemm bl-Ingliż u anki bil-Franċiż u fi tmiem il-kors il-parteċipanti kellhom jagħmlu eżami teoretiku u prattiku. Matul il-jiem tal-kors l-istudenti Maltin kellhom anki ċ-ċans jiltaqgħu ma' trainers popolari u jkollhom sessjoni anki dwar l-ewwel għajnuna mogħtija liż-żwiemel, sessjoni li saret fil-klinika tal-kumpless u li hi kkunsidrata fost l-aktar avvanzati fil-kontinent. Dwar il-pjanijiet għall-futur, Dr Vella tenna li ma' Pierret diġa qiegħed jaħdem dwar meta se jitla t-tielet grupp ta' studenti Maltin fi Grosbois is-sena d-dieħla u anki dwar kors ieħor ta' livell avvanzat għal dawk li jkunu temmew b'suċċess l-ewwel kors.

Min naħa tiegħu l-Ministru Bartolo filwaqt li feraħ lill-istudenti Maltin li temmew b'suċċess dan il-kors appella biex aktar studenti Maltin li għandhom għal qalbhom ukoll dan l-isport tant popolari f'pajjiżna jkollhom l-opportunita' li jivvjaġġaw lejn Grosbois u jkollhom l-istess tip ta' esperjenza. Min naħa tagħhom l-istudenti qasmu mal-Ministru Bartolo ftit minn dak li osservaw u tgħallmu matul dawn il-jiem fi Franza u kif dak li tgħallmu se jkunu wkoll qiegħed iwettquh waqt li jipprattikaw l-isport favorit tagħhom f'pajjiżna. "Sodisfatt ukoll li kors bħal dan offra lill-istudenti tagħna l-opportunita' li jgħaqdu l-element teoretiku ma' dak prattiku, li jiltaqgħu ma' professjonisti f'dan il qasam u li tahom iċ-ċans isiru jafu aktar dwar il-kura u l-preparazzjoni taż-żwiemel. Kors bħal dan huwa eżempju ta' kif kors vokazzjonali jista jiġi disinjat minn professjonisti barranin anki għall-ħtiġijiet ta' pajjiżna," ikkonkluda l-Ministru Bartolo.

# AIKIDO u AIKIKAI

## JKOMPLU JIKBRU F'MALTA









Wara evalwazzjoni teknika, l-iskola prinċipali tal-Aikido f'Malta, 'Aikido Yamato Dojo', li ilha imwaqfha mil-2006, irċeviet rikonoxximent mingħand il-Fondazzjoni tal-Aikikai, il-kwartieri dinjija tal-Aikido f'Tokyo, l-Ġappun.

Il-Fondazzjoni tal-Aikikai awtorizzat lil Yamato Dojo, biex tkun l-iskola ewlenija li tirrapreżentahom f'Malta. F'dan id-dawl, il-Yamato Dojo, ħa jkun qiegħed ibiddel l-isem tiegħu għal 'Aikikai Malta'. Dan kollu qiegħed jgħin biex din l-arti marzjali tkun tista tiġi prattikata fuq livell internazzjonali. Il-fondazzjoni tal-Aikikai hija l-organizzazzjoni ewlenija ta' prattikanti tal-Aikido fid-dinja, mmexxija minn-neputi tal-fundatur, Moriteru Ueshiba.

AIKIDO hi arti marzjali Ġappuniża evoluta u msaħħa bil-bosta, u l-enfasi li tingħata li nuru kura lejn l-oħrajn daqs dik li nuru lejna nfusna, paradossalment, anke lejn dawk li jixtiequlna d-deni. L-Aikido primarjament jiffoka fuq l-istudju ta' movimenti naturali tal-ġisem, flessibilta' lejn tekniki fiżiċi, u l-iżvilupp ta' enegija armonjuża u kooperattiva. L-approċċ flessibli u kumpless ta' l-Aikido, fejn l-enerġija ta' l-attakkant tiġi ridiretta, jgħin lil dawk li jipprattikawh biex jiżviluppaw bilanċ mentali għoli ferm, saħħa u sensittività, waqt li jkunu ukoll qed jitgħallmu arti marzjali potenzjalment devastanti. Dan il-proċess jgħin l-Aikidoka biex jiżviluppaw abbiltajiet li bihom isolvu konflitti reali li jiltaqgħu magħhom kuljum, flimkien ma' sitwazzjonijiet stressanti, u jagħmlu dan b'mod kalm, prattiku u posittiv.

Sensei tal-Aikido mill-Ġappun, ġie appuntat direttur tal-Aikikai Malta mill-Fondazzjoni innifisha. Jun Nomoto Sensei (7th Dan) huwa responsabbli għat-tagħlim u għall-istandards tekniċi. Hu għandu iktar minn 40 sena ta' prattika, u fil-preżent hu wkoll konsulent tal-mexxej tal-Aikido fid-dinja. "Inħossni ferħan u onorat għal dan ir-rikonoxximent tant mistħoqq wara 25 sena minn kemm ilu l-Aikido f'Malta" jgħid Kevin Bonanno, President tal-Aikikai Malta.

Aikikai Malta se tibda' tagħti ċertifikati li huma reġistrati mal-Fondazzjoni tal-Aikikai, xi ħaġa ġdida għal Malta u għalhekk il-prattikanti lokali tal-Aikido se jkunu rikonoxxuti bhal prattikanti oħra fid-dinja. Ftit tal-ġimgħat ilu, Nomoto Sensei flimkien ma' sitt esperti oħra Ġappuniżi min Tokyo li jiffurmaw parti mill-assoċjazzjoni Satomi Hakkenkai, żaru Malta għall-ewwel avveniment tal-Aikikai Malta. F'dan l-avveniment, kien hemm sezzjonijiet ta' prattika, inawgurazzjoni uffiċjali tal-Aikikai Malta u eżamijiet ta' black belt degree fejn Claude Calleja u Kevin Bonanno ġew eżaminati u promossi għal-livell ta' 2nd u 3rd degree black belt rispettivament. Ghalhekk dawn huma l-ewwel Maltin li kisbu dan il-livell.

L-Aikikai Malta toffri prattika tal-Aikido b'mod regolari għall-adulti u adoloxxenti, fejn erba' korsijiet tagħhom huma akkreditati skont il-qafas ta' kwalifiki ta' Malta. Matul is-sena, b'mod regolari jiġu organizzati żewġ attivitajiet ta' prattika lokali fuq livell ewropew u l-prattikanti tal-Aikikai Malta jżuru pajjiżi fl-Ewropa biex jieħdu opportunita' sabiex jiprattikaw ma' gruppi akbar tal-Aikido. Kull min hu nteressat li jipprattika l-Aikido, għandu jċempel fuq 99899733 jew iżur is-sit www.aikidomalta.net jew Facebook: Aikikai Malta

# "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"







**FIS-SAJF X'ATTIVITAJIET U PROGRAMMI TAGĦMLU?**

Hekk kif temmejna l-ħames ċiklu tal-programm ta' "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja", bdejna niddiskutu u naħdmu fuq riżorsi u lezzjonijiet ġodda bil-Malti u bl-Ingliż għas-sena skolastika li jmiss. Ninsabu wkoll għaddejjin bis-sessjonijiet ta' darba ta' "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" li bħalissa qed isiru f'diversi ċentri ta' Skola Sajf madwar Malta u Għawdex. Dawn isiru sabiex nagħtu togħma tal-programm li jsir matul ix-xhur tax-xitwa f'sessjoni waħda. Matul din is-sessjoni naqraw u nitħaddtu dwar stejjer marbutin mal-futbol u norganizzaw kwiżżijiet fuqhom. Wara, nagħmlu xi eżerċizzji tal-futbol, fejn it-tfal jipprattikaw xi ħiliet bażiċi relatati tal-istess logħba. Fl-aħħar tas-sessjoni, inqassmu xi riżorsi u magażins lit-tfal biex huma jkunu jistgħu jkomplu jaqraw aktar fid-dettall dwar ħidmietna u dwar l-isports inġenerali.

It-tim qiegħed jieħu sehem ukoll fil-kampanja 'Aqra fis-Sajf' sabiex it-tfal jibqgħu jipprattikaw il-qari u ħiliet oħra edukattivi li jkunu kisbu matul is-sena skolastika. Bħala parti minn din il-kampanja, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda torganizza sfida bl-isem Aqra Sajf 2019. Tfal bejn il-ħames u s-sittax-il sena jistgħu jiġbru fuljett dwar din l-isfida minn xi ċentru ta' Skola Sajf u/jew librerija pubblika f'Malta u Għawdex. Kull fuljett fih 5 sfidi/attivitajiet ta' tagħlim li jħeġġu lit-tfal jieħdu gost jaqraw aktar fis-sajf. Il-fuljett jinsab ukoll online fis-sit: https://education.gov.mt/en/nationalliteracyagency/Pages/nationalliteracyagency.aspx jew jista' jinkiseb mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun. Apparti minn dan kollu, matul ix-xhur ta' Lulju u Settembru, se nipparteċipaw fil-programm 'Ismagħni Naqra'.

# "Ismagħni Naqra"






### X'INHU L-PROGRAMM 'ISMAGĦNI NAQRA'?

'Ismagħni Naqra' huwa programm bi sħab bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u Malta Libraries. L-għan tiegħu huwa li l-kotba jsiru aktar aċċessibbli għat-tfal kollha, speċjalment dawk li huma neqsin mid-dawl. Il-qarrejja jaqraw kotba ta' livelli differenti u ta' diversi ġeneri, fost l-oħrajn, leġġendi Maltin. Dawn l-istejjer jiġu rrekordjati fit-Talking Book Section ta' Malta Libraries ġewwa l-Librerija Pubblika Ċentrali tal-Furjana. Is-Sur Leone Sciberras jieħu ħsieb l-irrekordjar ta' dawn il-kotba. It-tim ta' 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja' beda jipparteċipa f'dan il-programm is-sajf li għadda u kompla b'din il-ħidma wkoll din is-sena. Din id-darba, b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, ngħaqdet f'din l-inizjattiva Sr Alexandra Chircop. Nirringrazzjawha talli qiegħda tagħti s-sehem tagħha.

Inħossuna tassew ixxurtajti li qegħdin nagħtu l-kontribut tagħna sabiex il-kotba jiġu apprezzati minn tfal differenti u li nistgħu ngħinu lil tfal neqsin mid-dawl sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jitgħallmu u jgawdu d-dinja tal-istejjer.



# L-ISPORT U L-EKONOMIJA

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea spiss ifittxu modi differenti ta' kif ikattru t-tkabbir ekonomiku, filwaqt li jixprunaw l-iżvilupp reġjonali. L-evidenza mir-riċerka u l-istudji kkummissjonati mill-UE stess juru li l-isport jagħmel dan u aktar. Dawn il-fatturi huma tassew importanti, speċjalment fi żmien fejn l-ekonomija Ewropea qed tirkupra minn waħda mill-ikbar kriżijiet ekonomiċi globali li kien hawn.

Minħabba f'hekk, l-UE tappoġġja politiki sabiex jinkisbu l-aqwa benefiċċji ekonomiċi possibbli mis-settur tal-isport, b'mod speċjali dawk il-benefiċċji li jkollhom impatt dirett fuq il-ħajja taċ-ċittadini Ewropej. Dan il-ħsieb insibuh ukoll f'punt 12.2 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2017 - 31 ta' Diċembru 2020). Propju f'dan il-punt hemm imniżżel li d-"dimensjoni ekonomika tal-isport, b'mod partikolari l-innovazzjoni fl-isport, u l-isport u s-suq uniku diġitali" se jingħataw prijorità fl-istess pjan ta' ħidma.

Fil-fatt, il-Kummissjoni Ewropea tistqarr li l-politika ekonomika tagħha fil-qasam tal-isport tiffoka fuq bosta għanijiet importanti, fosthom:

- li ttejjeb il-monitoraġġ tad-data dwar l-isport sabiex tinfluwenza l-politika soċjali u ekonomika;
- li tidentifika l-potenzjal ekonomiku tal-isport u taqsam l-aħjar prattiki dwar miżuri ta' finanzjament;
- li tappoġġja leġiżlazzjoni fl-oqsma tal-antitrust u l-għajnuna statali taħt il-liġi tal-kompetizzjoni Ewropea;
- li tiddetermina l-aħjar għażliet għal finanzjament pubbliku u privat tal-grassroot sport;
- li toħloq kuxjenza dwar l-implikazzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-midja relatati mal-isport u li tissalvagwardja d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.



Ilkoll nafu li wieħed mill-modi li bih l-UE tgħin biex l-isport (fost setturi oħrajn) ikompli jiżviluppa, hu permezz ta' fondi li joffru diversi opportunitajiet u orizzonti ġodda għal kull min jibbenefika minnhom. Skont il-Kummissjoni Ewropea, il-programm Erasmus+ għandu l-għan li jappoġġja l-koperazzjoni Ewropea fis-settur sportiv, speċjalment fejn jidħol grassroot sport.

Madankollu, wieħed xorta jrid jara li dawn l-isforzi jkunu ffinanzjati bl-aħjar mod possibbli. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni Ewropea fasslet numru ta' studji li jinvestigaw kif l-isport jista' jkun iffinanzjat aħjar, inkluż studju dwar il-finanzjament tal-isport u l-grassrot sport għal kulħadd fl-Istati Membri.

Wieħed minn dawn l-istudji (Study on the Contribution of Sport to Regional Development through the Structural Funds) analizza iktar minn 200 proġett minn madwar l-UE, u tassew wera li dawn kienu ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-Istat Membru konċernat. Fl-istudju nnifsu, Malta tissemma diversi drabi, fosthom fi proġetti fejn twaħħlu pannelli solari (li għenu għall-kisba ta' ambjent aħjar), u kif ukoll għall-iżvilupp siewi tal-individwi li jaħdmu fi ħdan is-settur sportiv f'Malta.

Kif wieħed jista' jara, l-isport mhuwiex ta' benefiċċju biss għal min jieħu sehem fih, iżda jħalli wkoll impatt ekonomiku sinifikanti lill-komunitajiet. L-importanza li tingħata lil dan is-settur, kemm mill-gvernijiet u kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea għandha għalhekk tiżdied, biex tixpruna l-interess taċ-ċittadini, u biex jiżdiedu l-benefiċċji li jinbtu mill-isport.



# Sport li qed jagħti sodisfazzjon kbir lil KYLIE CAMILLERI




## Diġa' ħadet sehem barra minn Malta u trid tkompli tavvanza

Kylie Camilleri tipprattika l-isport tal-karting u daħlet f'dan l-isport meta kienet żgħira u tant għandha għal qalbha dan l-isport li tixtieq tkompli tavvanza 'il quddiem fejn saħansitra qed timmira li xi darba tikkompeti f'tiġrijiet tal-karrozzi bħal F3 u F2. Camilleri ġejja minn familja li tħobb l-isport awtomobilistiku. Hi diġa' ħadet sehem f'tiġrijiet fi Sqallija u anki f'kampjonat mifrux fuq tliet pajjiżi. L-imħabba ta' Kylie għall-isport tal-karting hija kbira u l-ambizzjonijiet tagħha għall-futur huma akbar.

**Kif tħajjart tibda l-isport tal-karting?**

Jien twelidt f'familja li minn dejjem kienet interessata fl-isport tal-karrozzi. Kien il-kuġin li ħajjarni nidħol f'dan l-isport. Kien żgħir fl-eta' u kien diġa' jsuq u allura tħajjart minnu. Ma ddispjaċinix u llum kuntenta li qed nipprattika dan l-isport.

**Int itellaq fi Sqallija, kemm ilek tagħmel dan?**

Iva mmur intellaq fi Sqallija u nieħu sehem fil-kampjonat reġjonali. Is-sena l-oħra ġietni opportunita' li anki nirrappreżenta lil Malta fis-CIK FIA Karting Academy Trophy. Dan l-avveniment kien jikkonsisti fi tliet rawnds ta' kompetizzjoni li saru fi tliet pajjiżi differenti li kienu




ritratt: unravelmalta.com

l-Italja, Franza u l-Belġju. Kienet esperjenza kbira għalija biex inkompli nimxi 'il quddiem fl-isport li nħobb.

**Wara dik l-esperjenza x'għamilt din is-sena?**

Din is-sena ħdimt bis-sħiħ biex inġib il-punti biex nipparteċipa fil-kategorija tiegħi u forsi biex il-quddiem nieħu sehem f'oħrajn aktar avvanzati. Dan hu tragward li xtaqt nilħaq li rnexxili biex inkompli nimxi 'il quddiem.

**X'parir tagħti lil dawk li jixtiequ jibdew l-isport tal-karting?**

Il-karting hu sport sabiħ ħafna li nagħmlu b'passjoni u mħabba. Inħeġġeġ mhux biss lil tfajliet bħali li jixtiequ jibdew dan l-isport imma anke lil dawk is-subien li jħobbu l-isport tal-karrozzi. Il-karting hu l-ewwel tarġa biex tidħol fl-isport tas-sewqan f'livelli akbar. Kien hemm ħafna sewwieqa professjonali fosthom għadd ta' sewwieqa tal-Formula Wieħed bħall-Ġermaniż Michael Schumacher biex insemmi eżempju wieħed, li minn ċkunithom bdew b'dan l-isport qabel komplew javvanzaw. Hu sport eċċitanti ħafna.

**X'inhuma l-pjani tiegħek għall-futur?**

Mingħajr dubju nixtieq li nkompli l-isport tal-karting għax għandi ambizzjonijiet akbar biex inkun nista' navvanza u nikkompeti f'kampjonat akbar bħal ma huma l-F4, F3, F2 u u saħansitra l-F1. Kull motorsport hu sabiħ u nixtieq li nkompli fl-isport biex inżomm it-tradizzjoni tal-familja tiegħi.

*Sena oħra ta' rekords fl-44 edizzjoni*

# tan-NOFS MARATONA TEAMSPORT ta' Għawdex




Iktar minn 1,450 atleta ħadu sehem f'dan l-avveniment. Dan kien mifrux fuq jumejn, bl-ewwel Expo tal-ġiri li qatt kien hawn fil-gżejjer Maltin li seħħet ġewwa t-tempji tal-Ġgantija fejn imbagħad ġiet segwita bit-tlielaq kompetittivi tat-tfal taż-2K u l-4K.







L-avveniment kien jinkludi mhux biss in-nofs maratona imma anki għall-ewwel darba t-tellieqa tal-10K u l-mixja tal-10K, il-ġirja għall-familja tal-5K, il-mixja tal-5K u l-ġirja għall-familja taż-2K. Waqt dan l-avveniment kien hemm preżenti numru kbir ta' familji Maltin u Għawdxin, però ġew attirati wkoll numru kbir ta' barranin. L-44 edizzjoni tan-nofs maratona ntrebħet mill-iSpanjol Pedro Antonio López de Haro, li daħal bil-ħin ta' (01:13:18:904) li jagħmlu l-aktar rebbieħ viċin li jikser ir-rekord ta' Charles Cilia tan-nofs maratona tas-sena 2006 bil-ħin ta' 01:11:40. Huwa ġie segwit mill-Għawdxi Stefan Azzopardi (01:15:38:882) u Drew Lang (01:22:17:087) li rebaħ din it-tellieqa kemm-il darba.

Il-Maltija Josann Attard Pulis, li tħaddan ukoll ir-rekord kurrenti tan-nisa tan-nofs maratona (01:27:32:300 fl-2016) kienet l-ewwel mara li qabżet il-linja tat-tmiem fil-ħin ta' 01:30:03:785. Hija ġiet segwita mill-Għawdxija Jolene Debattista fit-tieni post (01:42:24:950) u fit-tielet post l-Ingliża Sarah Holland (01:43:16:701). L-Għawdxi Charlton Debono (00:35:07:076) kien l-ewwel raġel li qabeż il-linja tat-tmiem fl-ewwel edizzjoni tat-tellieqa tal-10K, segwit fil-qrib minn Matthew Cutajar (00:36:57:414) u Neil Brimmer (00:37:19:414). Joelle Cortis ġiet l-ewwel mara fit-tellieqa tal-10K bil-ħin ta' 00:40:32:387 segwita minn Gianella Bugeja (00:44:56:108) u l-Għawdxija Felicienne Mercieca (00:46:43:847).

Isaac Bonnici (00:15:06:139) u Kyla Farrugia (00:15:49:414) ħadu l-pożizzjoni tal-ewwel tifel u tifla fit-tellieqa tal-4K rispettivament. Nahor Grima kien l-ewwel tifel Għawdxi li qabeż il-linja tat-tmiem fil-ħin ta' 00:16:03:639, filwaqt li Keira Attard kienet l-ewwel tifla Għawdxija bil-ħin ta' 00:17:55:122; it-tnejn li huma jiksbu t-tieni pożizzjoni tas-subien u l-bniet rispettivament. Fit-tellieqa taż-2K Andrea Incorvaja kiseb l-ewwel pożizzjoni tas-subien bil-ħin ta' 00:07:07:947 filwaqt li l-Għawdxija Leah Said kisbet l-ewwel pożizzjoni tal-bniet bil-ħin ta' 00:07:52:442. Robbie Formosa, li kiseb it-tieni pożizzjoni tas-subien kien l-ewwel tifel Għawdxi li qabeż il-linja tat-tmiem fil-ħin ta' 00:07:21:947.

Il-lista sħiħa tar-riżultati u r-rebbieħa tista' tiġi misjuba onlajn fuq is-sit www.gozomarathon.org. L-avveniment tas-sena d-dieħla se jsir fil-25 u s-26 t'April. L-applikazzjonijiet għall-edizzjoni li jmiss diġà qed jiġu aċċettati onlajn. L-avveniment huwa appoġġjat minn Teamsport, Diadora, il-Ministeru għal Għawdex, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, Heritage Malta, San Michel, Gozo Express Services u l-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

## IT-32 EDIZZJONI TAT-TAZZA TAL-AFRIKA



# L-ALĠERIJA

## TIRBAĦ GĦAT-TIENI DARBA T-TITLU TA' CHAMPIONS TAL-AFRIKA

# L-EDIZZJONI 2021 FIL-KAMEROON

Għat-tieni darba fl-istorja tal-Futbol Afrikan l-Alġerija rebħet it-titlu ta' champions tal-kontinent il-Tazza tal-Afrika. F'kampjonat finali li dam jintlagħab madwar xahar l-Alġerija rebħet il-final 1-0 kontra Senegal f'finali li ntlagħbet fil-Kajr fl-Eġittu. L-Alġerija rebħet is-Senegal darbtejn f'dawn il-finali għaliex fil-fażi tal-gruppi l-Algerija kienet diġa' rebħet lill-istess Senegal 1-0. Edizzjoni oħra se tintlagħab fil-Kameroon fl-2021 ukoll b'24 finalista.

Fl-Eġittu l-finali ntlagħbu bejn 24 tim maqsuma f'sitt gruppi. Ir-rebbieħa tal-gruppi kienu : l-Eġittu (Grp A), Madagascar ( Grp B), l-Alġerija (Grp C), Marokk (Grp D), Mali (Grp E) u l-Ghana (Grp F). Mar-rebbieħa tal-gruppi kkwalifikaw ukoll għall-fażi tal-aħħar sittax is-sitt timijiet li spiċċaw fit-tieni post jiġifieri l-Uganda, in-Niġerja. is-Senegal, il-Kosta tal-Ivorju, it-Tuneżija u l-Kameroom. Magħhom ikkwalifikaw bit-tielet l-aħjar post il-Benin u l-Afrika t'Isfel. Dawn tal-aħħar temmew it-tama li l-Eġittu jirbaħ dan il-Kampjonat meta eliminawhom meta għelbuhom 1-0 fil-fażi tal-aħħar sittax.

Tim li ssorprenda kien dak tal-Madagascar li kien eliminat b'telfa ta' 3-0 mit-Tuneżija fil-kwarti tal-finali. F'din l-istess fażi kienu eliminati wkoll l-Afrika t'Isfel min-Niġerja 2-1. It-timijiet li kkwalifikaw għas-semi-finali kienu l-Alġerija, is-Senegal, it-Tuneżija u n-Niġerja. L-akbar diżappunt f'dawn il-finali li jintlagħbu kull sentejn kienu l-Eġittu li organizzaw din it-32 edizzjoni. Hi ironika għaliex l-Eġittu hu l-aktar nazzjon li rebaħ din il-kompetizzjoni seba' darbiet mill-ewwel edizzjoni li ntlagħbot fl 1957.

Imma l-Eġittu, it-tim immexxi minn Mohammed Salah li fil-preżent hu moqjus l-aqwa tal futbol Eġizzjan kien eliminat fil-fażi tal-aħħar sittax wara li kienu rebħu Grupp A b'punti massimi minn tliet rebħiet, l-Eġittu naqsu li jegħlbu l-ostaklu tal-Afrika t'Isfel biex setgħu jkomplu javvanzaw. Player ieħor ta' Liverpool li ħa sehem f'dawn il-finali kien Sadio Mane tas-Senegal li bħal Salah ma rnexxilux iżid maċ-Champions League li rebaħ din is-sena ma' Liverpool għaliex it-tim tiegħu tilef fil-final 1-0 kontra l-Alġerija mmexxija minn Riyad Mahrez, li wkoll jilgħab fl-Ingilterra ma' Manchester City. Mahrez kien ta' ispirazzjoni kontinwa għall-Alġerija.

Player ieħor li jilgħab fl-Ingillterra kien Victor Wanyama ta' Tottenham Hotspur, li t-tim tiegħu l-Kenja li tiegħu Wanyama kien ukoll il-captain, kien eliminat fil-fażi tal-gruppi. L-eks Champions tal-2017, il-Kameroon ta' Clarence Seedoorf l-eks player famuż Olandiż, kien eliminat min-Niġerja 3-2 fil-fażi tal-aħħar sittax, telfa li fissret li Seedorf tneħħa mit-tmexxija tat-tim. Diżappunt ukoll mill-Marokk li tilef 4-1 bil-penalties kontra l-Benin. Ma' dan it-tim huma diversi l-ismijiet ta' players li jilagħbu f'kampjonati Ewropej fejn jispikkaw fosthom il-captain Mehdi Benatia li sa żewġ staġuni ilu kien jilgħab mal-Juventus u Hakim Zivetch li fl-aħħar Champions League bbrilla ma' Ajax.

In-Niġerja dejjem fost il-favoriti f'dan il-kampjonat ippreżentat tim iktar żagħżugħ mis-soltu u spiċċat tirbaħ it-tielet post b'rebħa ta' 1-0 fuq it-Tuneżija. Fis-semi-finali n-Niġerja tilfet 2-1 kontra l-Alġerija u din it-telfa fissret it-tmiem tal-karriera internazzjonali ta' Obi Mikel, eks players ta' Chelsea li kien ilu 13-il sena jilbes il-flokk nazzjonali aħdar tan-Niġerja. Mikel għandu 32 sena u qal li rtira biex jagħmel wiesgħa ħalli aktar żgħażagħ jidħlu fit-tim Niġerjan.

Fis-semi-finali l-oħra s-Senegal għeleb lit-Tuneżija 1-0. Fil-final il-gowl li ta r-rebħa lill-Algerija kien skurjat minn Baghdad Bounedjah wara biss żewġ minuti, gowl li ħasad lis-Senegal u li qatt ma rnexxilhom jirkupraw tul il-logħba. L-edizzjoni tal-2021 se tintlagħab fil-Kameroon fejn diġa' huma magħrufa l-gruppi ta' kwalifikazzjoni tal-edizzjoni li jmiss. L-Alġerija fi Grupp H se tilgħab kontra Żambja, Zimbabwe u Botswana waqt li l-finalisti l-oħra s-Senegal se jilgħab fi Grupp I kontra l-Kongo, il-Guinea Bissau u Estwatini.

B'kollox fil-gruppi ta' kwalifikazzjoni se jieħdu sehem 52 tim maqsuma fi 12-il grupp. Il-Kameroon għalkemm se jorganizza l-edizzjoni xorta jrid jilgħab fil-fażi tal-gruppi u jrid jilgħab kontra Cape Verde, il-Mozambique u l-Botswana li jiffurmaw Grupp F.




# Community Shield

## Manchester City jirbħu bl-għoti tal-penalties

## Liverpool 1 - Man City 1 (Manchester City 5-4 bil-penalties)

Iċ-champions Manchester City bdew fuq nota pożittiva meta rebħu l-Community Shield billi għelbu lil Liverpool 5-4 bil-penalties wara li temmew fi draw ta' 1-1 liema partita ntlagħbet f'Wembley Stadium.

Din il-partita tellgħet is-siparju tal-Premier League. Dan il-konfront laqqa' lill-aqwa żewġ timijiet tal-preżent li ma ddiżappuntawx fejn taw indikazzjoni kbira li se jkunu fost l-isfidanti ewlenin għar-rebħ tat-titlu hekk kif fl-istaġun li għadda, is-Citizens rebħu l-kampjonat b'differenza ta' punt fuq ir-Reds.

Fil-veritá din il-partita ma ntrebħitx mill-aħjar team hekk kif Liverpool laqtu l-lasta darbtejn minn Virgil van Dijk u Mohamod Salah b'dan tal-aħħar ikun hati li falla tliet ċansijiet tad-deheb fil-mument meta r-Reds xeħtu lill-avversarji fid-difiża jippruvaw jirreżistu għall-pressjoni tagħhom, fejn spikka l-goalkeeper, Claudio Bravo, bis-saves determinanti tiegħu biex ċaħħad lil Liverpool minn rebħa, filwaqt li d-difensur Kyle Walker salva goal ċert minn daqqa ta' ras ta' Salah meta b'rovexxjata perfetta qala' l-ballun minn fuq il-linja fatali.

Min-naħa ta' Manchester City, laqtu l-lasta minn Raheem Sterling li proprju kien hu li fetaħ l-iskor kontra x-xejra tal-logħba meta, fit-12-il minuta meta azzjoni mibdija minn Kevin De Bruyne għadda lejn David Silva li mill-ewwel xeħet għan-nofs fejn l-ex player ta' Liverpool ma laqatx il-ballun tajjeb iżda ħasad lill-goalkeeper Alisson biex il-ballun spiċċa fix-xibka.

Wara dan il-goal, is-City baqgħu territorjalment l-aħjar team minkejja li m'għamlux affarijet kbar.

Iżda fit-tieni taqsima, Liverpool kienu team trasformat fejn Virgil van Dijk kien sfortunat meta għeleb lil Bravo u bil-ballun deher fix-xibka jaħbat man-naħa t'isfel tal-mimduda, jinżel fuq il-linja fatali, u jinqala 'l barra.

Fis-77 minuta, Liverpool kisbu d-draw minn Joel Matip li kkonkluda bir-ras mill-cross ta' Van Dijk.

Bir-riżultat ta' 1-1, il-partita kellha tmur għall-għoti tal-penalties fejn għas-City skorjaw Ilkay Gundogan, Bernardo Silva, Phil Foden, Oleksandr Zinchenko u Gabriel Jesus.

Għal Liverpool skorjaw Xheran Shaqiri, Adam Lallana, Alex Oxlade-Chamberlain u Mohamed Salah filwaqt li falla Georgino Wijnaldum, f'logħba li pattew qares għaċ-ċansijiet falluti.

# u Liverpool il-
# UEFA SUPER CUP




## Liverpool 2 - Chelsea 2 (Liverpool 5-4 bil-penalties)

Liverpool rebħu s-Super Cup Ewropa meta għelbu lil Chelsea 5-4 bl-għoti tal-penalties wara li l-partita spiċċat fi draw ta' 2-2 anke wara l-ħin barrani.

Fl-ewwel taqsima Chelsea kienu l-aħjar team u kien jimmeritahom li jidħlu jistrieħu fil-vantaġġ. Sa mill-bidu, huma għamlu l-intenzjonijiet tagħhom ċari filwaqt li Liverpool iddiżappuntaw hekk kif dehru mingħajr ideat u ferm 'il bogħod mill-forma li biha saru champions Ewropej. B'mod gradwali Chelsea bdew jirbħu l-inizjattiva u fit-23 minuta huma resqu viċin li jiftħu l-iskor meta azzjoni bejn Pedro u Olivier Giroud spiċċat biex l-Ispanjol għeleb in-nasba tal-offside iżda x-xutt tiegħu ġie milqugħ mill-goalkeeper Adrian li kien megħjun mill-mimduda. Fit-33 minuta, Adrian reġa' kien providenzjali meta ħataf il-ballun minn saqajn Mateo Kovacic li pprova jdur miegħu qabel jixħet il-ballun fix-xibka.

Pero' tliet minuti wara, il-goalkeeper ta' Liverpool ma seta' jagħmel xejn meta d-difiża nqabdet miftuħa beraħ hekk kif Christian Pulisic żmarka lil Olivier Giroud li għadda l-ballun minn bejn saqajn Adrian. Fl-40 minuta, il-Pensioners kellhom goal imħassar ta' Pulisic għal offside millimetriku.

Madankollu tliet minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, Liverpool kisbu d-draw meta Sadio Mane ddepożita l-ballun f'xibka vojta wara xogħol tajjeb minn Firmino.

Kien goal li ta nifs ġdid lir-Reds hekk kif bdew iżidu fil-logħob tagħhom u fis-76 minuta kellu jkun il-goalkeeper Kepa li ċaħħadhom milli jmorru fil-vantaġġ b'żewġ saves brillanti fuq Mohamed Salah u r-rebound ta' Virgil van Dijk. Imbagħad, fl-84 minuta Chelsea kellhom goal ġustament imħassar għal offside ta' Tammy Abraham. Fis-87 minuta, Liverpool setgħu għalqu l-logħba iżda wara li rċieva mingħand Salah, Firmino falla l-mira mill-viċin, biex il-logħba kellha tmur fil-ħin barrani. U meta proprju għaddew ħames minuti reġa' kien Sadio Mane li skorja għal Liverpool meta kkonkluda fis-saqaf tax-xibka mill-cross fil-baxx ta' Firmino.

Iżda fil-101 minuta Chelsea kisbu d-draw minn penalty mogħti minn Jorginho wara deċiżjoni ferm dubjuża li Adrian għamel kuntatt ma' Tammy Abraham fil-kaxxa. Bil-partita tintemm fi draw kellhom jingħataw il-penalties fejn għal Liverpool skorjaw Roberto Firmino, Fabinho, Divock Origi, Alexander Arnold u Mohamed Salah, filwaqt li għal Chelsea skorjaw Jorginho, Ross Barkley, Mason Mount, Emerson iżda Timothy Abraham ra x-xutt milqugħ minn Adrian.

**Liverpool:** Adrian, Andrew Robertson (Trent Alexander-Arnold 91), Virgil van Dijk, Joel Matip, Joe Gomez, Jordan Henderson, Fabinho, James Milner (Georginio Wijnaldum 64), Sadio Mane (Divock Origi 103), Mohamed Salah, Alex Oxlade-Chamberlain (Roberto Firmino 46) - Coach: Jurgen Klopp

**Chelsea:** Kepa Arrizabalaga, Emerson, Andreas Christensen (Fikayo Tomori 85), Kurt Zouma, Cesar Az-pilicueta, Mateo Kovacic (Ross Barkley 103), NGolo Kante, Jorginho, Pedro, Olivier Giroud (Tammy Abraham 74), Christian Pulisic (Mason Mount 74) - Coach: Frank Lampard

**Referee:** Stephanie Frappart (Franza)



# Sliema W. iżommu l-pass ma' Floriana b'rebħa fuq Valletta

## IL-ĦAMES ĠURNATA

**28-11-1965: Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 0-0**
**Attendenza: 1,473**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi.**

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Jimmy Spiteri, Lolly Muscat, Carmelo 'Nene' Grech, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Gejtu 'Iċ-Ċajn' Zammit, Albert Calleja, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Patistu Attard, George Micallef (Gejtu Briffa 75').

**Birkirkara FC:** Pawlu Bonello, Pawlu Barbara, Ġanni Saliba, Charles Spiteri, Joe 'Il-Lolu' Zarb, Nenu 'Id-Deppi' Saliba, Ġeraldu 'Ġillu' Pace, Johnnie 'Finney' Micallef, Karmenu 'L-Iscotch' Borg, Charles 'Id-Dunda' Micallef, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. L-Ispartans kienu qed jilgħabu mingħajr l-ex player ta' Birkirkara Karmenu Galea iżda kellhom lil Bertu Calleja lura fit-team wara sitt ġimgħat nieqes.
2. Għal darb'oħra riħ qawwi ħakem il-ground ta' Manoel Island matul din il-partita li għamel il-kontroll tal-ballun diffiċli biż-żewġ naħat jiddominaw taqsima kull wieħed.
3. Matul it-tieni taqsima, bir-riħ favur tagħhom Birkirkara laqtu darbtejn il-lasta. Fis-57 minuta kien Johnnie Micallef li laqat il-mimduda b'xutt mill-bogħod u għaxar minuti mit-tmiem 'Lula' Bonnici laqat il-lasta b'daqqa ta' ras.
4. Patistu Attard tal-Ispartans li soltu jilgħab bħala difensur f'din il-partita lagħab inside forward.
5. Johnnie Zarb tal-Ispartans u Joe Zarb ta' Birkirkara huma aħwa.
6. Il-ġurnal 'Il-Ħaddiem' fetaħ il-kummentarju tal-partita b'dan il-mod: "T'widnejja għadni qed nisma' is-suffara tar-referee Joe Cassar Naudi li din il-ġimgħa jagħlaq 20 sena fil-logħba u 'l bieraħ deher ferm ferħan bis-suffara".

**04-12-1965: Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 2-0 H.T 0-0**
**Referee: Pawlu Bonett**
**Skurjaw: R. Cocks (S) 63' u V. Vassallo (S) 82'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Edward Darmanin, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Joe Cini, John Bonett, Edward Aquilina, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Valletta FC:** Mike Galea, Joe Bugeja, Johnnie Attard, Charlie Williams, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Eddie Vella, Tony Calleja (Charles Zarb 61'), Josie Urpani, Frankie Zammit, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Tony Connor.

1. Fit-30 minuta il-captain Belti Frankie Zammit kien fortunat li ma tkeċċiex wara li xejjer bis-sieq lil Ronnie Cocks. Ir-referee ammonixxa lill-player Belti. L-istess Zammit, li kien qed jilgħab fil-pożizzjoni ta' centre forward, laqat darbtejn il-lasta, l-ewwel fit-23 minuta u t-tieni darba minuta mit-tmiem.
2. Sliema Wanderers kienu qed jilgħabu mingħajr Salvu Bonnici li kien ma jiflaħx, bl-attakkant Leli Micallef jinżel jilgħab minfloku fid-difiża. Sadanittant kienu tranġaw id-differenzi ma' Joe Cini li daħal lura fl-attakk Slimiż. Cini ġimgħat qabel kien anke nforma lill-kumitat Slimiż li ma riedx jilgħab iktar, wara li ma kienx magħżul fl-aħħar żewġ logħbiet. Qabel din il-partita Cini kien diġa' lagħab ma' Sliema fi friendly kontra Combined Services XI (4-4) tal-24 ta' Novembru meta dak in-nhar il-players tal-Wanderers Ronnie Cocks u Robbie Buttigieg kienu magħżula biex jilgħabu mas-Servizzi.
3. Anke l-goalkeeper Slimiż kien dubjuż jekk jilgħabx u kien hemm il-ħsieb li jirritorna Ray Cosby bejn il-lasti tal-Wanderers minħabba li l-goalkeeper tar-Reserves Alfred Vella kien sospiż. Madankollu Alfred Debono għadda mit-test mediku u seta' jilgħab.
4. L-ewwel goal ta' Sliema wasal kaġun tar-riħ qawwi li kien jaħkem fuq Manoel Island meta l-goalkeeper Mike Galea ħareġ biex jikklerja l-ballun iżda r-riħ qawwi biddel id-direzzjoni tal-ballun li spiċċa għand Ronnie Cocks li skorja b'xutt mill-ewwel minn barra l-penalty area.
5. Għalkemm ħareġ jilgħab bin-numru 11, il-player Tony Connor lagħab fil-qalba tad-difiża Beltija.
6. B'din it-telfa Valletta kienu jinsabu waħedhom fil-qiegħ tal-klassifika b'żewġ punti biss hekk kif ġie fi tmiemu l-ewwel round.

Klassifika: Floriana FC 9 pti.; Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Hibernians FC u Ħamrun Sp. FC 4 pti.; Birkirkara FC 3 pti.; Valletta FC 2 pti.

L-Aqwa Skorers: J. Bonett (Sliema Wdrs. FC) u N. Chircop (Floriana FC) 4 goals; L. Borg u T. Cauchi (Floriana FC); F. Delia (Hibernians FC); R. Cocks u V. Vassallo (Sliema Wdrs. FC) 2 goals.

## IT-TIENI ROUND

## IS-SITT ĠURNATA

**05-12-1965: Floriana FC – Birkirkara FC 1-0 H.T 0-0**
**Skorja: L. Borg (F) 55'**
**Attendenza: 973**
**Referee: Tommy Restall**

**Floriana FC:** Tony Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Joe Grima, Edward Azzopardi, Lolly Debattista, Frankie Micallef, Salvu Borg, Hugh Caruana (Charles Buttigieg 65'), Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Nenu Chircop.

**Birkirkara FC:** Pawlu Bonello, Pawlu Barbara, Nenu 'Id-Deppi' Saliba, Charles Spiteri, Joe 'Il-Lolu' Zarb, Ġanni Saliba, Ġeraldu 'Ġillu' Pace, Johnnie 'Finney' Micallef (Alfred Borg 68'), Żarenu Borg, Charles 'Id-Dunda' Micallef, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Floriana kien għad ma jistgħux jagħmlu użu minn Charles Galea li rritorna mill-Awstralja iżda kien għadu qed jistenna r-release mingħand Malta United t'Adelaide, minn Freddie Vella James li kien għadu f'Ċipru mal-Armata u kien mistenni lura fl-20 ta' Diċembru u minn Lolly Aquilina li kien għadu mweġġa'.
2. Kien hemm protesti u rabja mill-players u partitarji ta' Birkirkara fl-okkażjoni tal-goal skurjat minn Lolly Borg meta l-player Furjaniż deher jimbotta lil Pawlu Barbara minn dahru qabel skorja bir-ras. Skond il-ġurnal 'Il-Berqa' meta qabżu xi partitarji jagħmlu għal linesman Lanzon il-Pulizija ma qabżux għalih.
3. Birkirkara marru darbtejn qrib li jagħmlu l-iskor indaqs meta fl-64 minuta Alfred Debono salva minn fuq il-linja x-xutt ta' Charles Spiteri u kwarta mit-tmiem kien Lolly Debattista li salva minn fuq il-linja x-xutt ta' Ġanni Saliba.
4. Il-Kunsill tal-MFA tas-16 ta' Diċembru 1965 wissa severament lill-President ta' Floriana Maurice Mizzi wara li waqt il-logħba għadda rimarki dispreġjattivi fil-konfront tar-referee Restall u l-linesmen Anthony Galea u Lanzon. Floriana ġew anke mmultati £3 minħabba li partitarji tagħhom waddbu ġebel u soldi fid-direzzjoni tal-linesman.
5. Skond il-ġurnali 'Il-Berqa' u 'Times of Malta' is-sostitut Alfred Borg daħal minflok Karmenu Micallef 'Id-Dunda'.

**11-12-1965: Hibernians FC – Birkirkara FC 1-1 H.T 1-1**
**Skurjaw: N. Buckle (H) 9' u C. Borg (B) 25'.**
**Attendenza: 294**
**Referee: James Sawyer**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Edgar Caruana, Salvu 'Karettuni' Gatt, Frankio Pisani, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Freddie Delia, Victor Brincat, Norman Buckle, Victor 'Palun' Cassar (Jimmy Mizzi 57'), Frans Scerri.

**Birkirkara FC:** Pawlu Bonello, Pawlu Barbara, Ġanni Saliba, Charles Spiteri, Joe 'Il-Lolu' Zarb, Nenu 'Id-Deppi' Saliba, Ġeraldu 'Ġillu' Pace, Johnnie 'Finney' Micallef, Karmenu 'L-Iscotch' Borg, Charles 'Id-Dunda' Micallef, Alfred Borg.

1. B'dan id-draw kemm Birkirkara kif ukoll Hibernians kienu għadhom bla rebħa fil-kampjonat. Għal Hibernians dan kien il-ħames draw minn sitt partiti.
2. Kien hemm protesti għall-penalty mill-players ta' Hibernians fit-32 minuta wara li 'Id-Dunda' Micallef mess b'idejh il-ballun fil-penalty area bir-referee jagħti free-kick favur Hibernians barra l-penalty area.
3. Birkirkara kellhom nieqes lil Frans Bonnici 'Il-Lula' filwaqt li Hibernians kienu qed jilgħabu mingħajr Lorry Young u Freddie Mallia li kienu qed jiskuntaw partita sospensjoni. Minflok Mallia lagħab l-ex player ta' Birkirkara Frankie Pisani.
4. Għal Hibernians irritorna bejn il-lasti il-goalkeeper Freddie Mizzi wara li kien weġġa u ttieħed l-isptar fil-partita kontra Sliema. Hibs kellhom lura wkoll lil Victor Brincat wara sentejn nieqes mill-football. Brincat kien ġie akkwistat mingħand St George's iżda kien weġġa irkopptu fid-debutt tiegħu ma' Hibernians f'Ottubru 1963 u kellu jagħmel operazzjoni tal-cartilage.
5 Din kienet partita oħra li kienet milgħuba f'riħ qawwi ma jaqta' xejn, kultant b'qawwa ta' riefnu, li għamel il-kontroll tal-ballun impossibbli. Minn meta beda jintlagħab il-logħob f'Manoel Island kien hemm diversi partiti li fihom ir-riħ iddomina minħabba li l-ground ma kienx fih ilqugħ.
6. Il-ground ta' Manoel Island xejn ma kien qed iġib xorti tajba lil Hibernians li kemm fl-Ewwel Diviżjoni u anke fil-kampjonat tar-Reservés li kien qed jintlagħab f'Manoel Island ukoll, kienu għadhom mingħajr rebħa. Fl-istess ħin it-teamijiet tagħhom tal-Under 21 u l-Minors li kienu qed jilgħabu fix-Schreiber, it-tnejn kienu ma' ta' fuq jiċċalinġjaw għar-rebħ tal-kampjonat.
7. Fil-15 ta' Diċembru Hibernians taw ir-release lill-player Joe Galea li kienu akkwistawh fis-sajf mingħand Gżira United. Kemm Valletta kif ukoll Ħamrun Spartans avviċinaw lill-player biex jingħaqad magħhom b'Joe Galea jiffirma ma' Valletta fl-20 ta' Diċembru u jiddebutta magħhom fil-Cassar Cup kontra l-istess Hibernians.

# SPOT THE BALL

## u irbaħ Flokk ta' Juventus




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.

Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru, 2019 Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, Union Print Co. Ltd. Workers' Memorial Building, 3rd Floor, South Street, Valletta.

Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Juventus ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 148

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 148 huwa:
**Martin Cilia - Fgura**



# TISLIBA



### MIMDUDIN

1) 265 partita għal Man Utd u 115 għall-Ingilterra (5,7)
8) Concetto .. Bello, wieħed mill-aqwa referees ta' kull żmien (2)
9) L-ewwel club Iżraelit li daħal fil-gruppi tal-UCL (7,5)
10) Alberto, player internazzjonali tal-Greċja 1929-1938 (7)
13) Karl-Richard, midfielder tal-Estonia fis-snin 20 u 30 (6)
15) Edgar, difensur ta' Lille u l-Portugall (2)
16) Etim, ex midfielder offensiv tan-Niġerja (4)
17) David, ex attakkant ta' Leeds u Northern Ireland (5)
19) "The Grecians', club Ingliż imwaqqaf f'Mejju 1901 (7)
20) John ... Riise, ex wing-back xellugi ta' Liverpool u n-Norveġja (4)
23) Badou, midfielder attwali ta' Stoke City u s-Senegal (6)
24) u 26) Armend, 64 partita għall-Albanija 2005-2013 (6)
26) Ara 24 Mimdudin
27) Tagliaferro, president attwali ta' Balzn Youths (5)
29) Shinji, ex midfielder tal-Ġappun b'56 partita u 6 goals (3)
30) Duilio, ex centre-back ta' Estudiantes u l-Messiku (6)
32) Rodríguez, midfielder difensiv ta' Club América u l-Arġentina (5)
33) Wanda, il-mara u aġent ta' Mauro Icardi (4)
35) Admir, attakkant b'partita 1 ma' Bosnia & Herzegovina (8)
36) Marc-André ... Stegen (3)

### WEQFIN

1) Angelo, rebbieħ ta' European Cup ma' Inter fl-1964 (10)
2) Il-laqam ta' Juventus (7,7)
3) Mourad, referee Tuneżin fil-Fifa WC 2002 (5)
4) Sven-Göran, ex coach Żvediż tal-Ingilterra (8)
5) Dmitri, ex goalkeeper ta' Chelsea u r-Russja (7)
6) François, centre-back attwali ta' li Żvizzera (8)
7) Antonio, il-coach il-ġdid ta' Inter (5)
11) Pepe, ex attakkant ta' Betis u Getafe (3)
12) Kang Ga-.., iddefenda l-lasti tal-Korea t'Isfel fi 13 il-partita (2)
14) Johan, ex midfielder Olandiż ta' klassi mondjali (8)
18) Touré, 230 partita ma' Man City u 101 ma' Ivory Coast (4)
21) Michel, ex difensur ta' Anderlecht u l-Belġju (7)
22) Ophof, ex difensur ta' Ajax u l-Olanda (3)
25) Zubizarreta. 629 parita ma' clubs Spanjoli u 126 ma' Spanja (6)
28) Zamorano, 77 goal għal Real Madrid u 27 goal għal Inter (4)
31) u 34) Gökhan, ex midfielder Żvizzeru ta' Udinese u Napoli (5)
34) Ara 31 Weqfin

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 148

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| H | I | L | L | S | B | O | R | O | U | G | H | | D |
| A | | I | | A | | Ş | | Ş | | I | A | Ş | I |
| F | R | E | D | R | I | K | S | S | O | N | | | D |
| N | | D | | A | | A | A | | | Z | O | L | A |
| A | C | H | U | C | A | R | R | O | | B | | A | |
| R | | O | | E | | S | | D | R | U | L | I | C |
| F | A | L | I | N | | S | | E | | R | | N | |
| J | A | M | E | S | R | O | D | R | I | G | U | E | Z |
| A | S | | R | | | N | | M | O | | | R | |
| R | | E | S | C | H | | S | A | N | T | O | | B |
| O | T | I | S | | U | | | T | | A | | | R |
| A | | D | E | R | R | E | T | T | | P | A | P | U |
| R | A | U | L | | S | | I | | A | | N | | M |
| | | R | | S | T | E | N | | Z | M | U | D | A |

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta - Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 148: **M.A. Schembri Mosta**

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta'Settembru 2019:
**Sportiv Magazine**
**Kompetizzjoni Tisliba,**
**Union Print Co. Ltd.**
**Workers' Memorial Building,**
**3rd Floor, South Street, Valletta**




**SUNGLASSES:** POLAR - CEBE **DAYSOFT UV:** ONE DAY DISPOSABLE CONTACT LENSES

**ONE HOUR SERVICE**

**OPEN ALL DAY**
AT G'MANGIA
Mon-Fri: 0830hrs - 1930hrs
Sat: 0830hrs - 1230hrs

| | | | |
|---|---|---|---|
| G'MANGIA | 2122 6020/3 | NAXXAR | 2143 1152 |
| | 2122 8370 | B'BUGIA | 2142 1976 |
| FGURA | 2167 3332 | ZEBBUG | 2167 3332 |
| ZEBBUG | 2146 5768 | RABAT | 2145 0845 |
| MQABBA | 2748 7582 | LUQA | 2189 5248 |
| B'KARA | 2149 0213 | ATTARD | 2141 8315 |
| QORMI (PINTO OPTICIANS) | 2148 8950 | SAN GWANN | 2138 3947 |

THE CATHEDRAL OPTICAL

adidas asics Babolat diadora HIGH POWER LEONE SINCE 1947 macron

TEAMSPORT

Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara

Reebok speedo molten Sixtus MCDAVID UNDER ARMOUR. TYR

Click
inewsmalta.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA